**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 173**
**It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 173**
**It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fid-9.01 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 173**

**It-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2023**

## WERREJ

MINUTI ..... 633

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ..... 633

MISTOQSIJIET ..... 633

STQARRIJA MINISTERJALI ..... 633

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
IT-TMIEN SEDUTA STABBILITA – MINISTERU GĦAT-TURIŻMU ..... 637

PERMESS TAL-KAMRA ..... 667

KUMITATI PERMANENTI ..... 667

MOZZJONIJIET

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI ..... 668

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDAL-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI ..... 668

AĠĠORNAMENT ..... 669

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 172 li saret fil-15 ta' Novembru 2023 ġew ikkonfermati.*

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Kamra li wara li s-Sedja għamlet il-verifiki neċessarji, qiegħda tordna illi għandha ssir il-korrezzjoni tal-Minuti tas-Seduta 168 tat-13 ta' Novembru 2023 sabiex l-Onor. Stephen Spiteri jidher bħala skużat fl- imsemmija Minuti, li l-Onor. Anton Refalo għandu jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduti 168 u 170 tat-13 Novembru 2023 u tal-14 ta' Novembru 2023 rispettivament, u li l-Onor. Ivan J. Bartolo għandu jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta 170 tal-14 Novembru 2023.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER:** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Carmelo Abela u tal-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici fit-13-il Laqgħa tal-Grupp ta' Skrutinju Konġunt dwar il-Europol, li nżammet fl-20 u l-21 ta' Settembru 2023 fil-Parlament Ewropew fi Brussell.

## MISTOQSIJIET

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, f'din is-seduta mhux se jkun hawn Mistoqsijiet.

## STQARRIJA MINISTERJALI

**L-ISPEAKER:** Is-Sedja hija informata li ntlaħaq ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra li qabel il-Kamra tirriżolvi ruħha f'Kumitat, issir stqarrija mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ dwar is-sitwazzjoni f'Gaża.

Is-Sedja hija informata wkoll li l-ħin li jittieħed għal din l-istqarrija għandu jiżdied mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u dan biex il-ħin tad-diskussjoni fil-Kumitat ikun ta' tliet sigħat, skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023.

Nistieden lill-Ministru Ian Borg biex, jekk jogħġbu, jagħmel l-istqarrija tiegħu.

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Sur President, bħala membru elett fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, Malta qiegħda ssegwi mill-viċin il-konflitt ġewwa Gaża. Ftit sigħat biss wara l-attakk terroristiku tal-Hamas ġewwa Iżrael, Malta talbet li jitlaqqa' l-Kunsill tas-Sigurtà b'urġenza. Għamilna hekk għaliex mill-ewwel irrikonoxxejna l-gravità tas-sitwazzjoni u l-impatt negattiv li seta' jkollha fuq il-kumplament tar-reġjun. Aħna kkundannajna bl-aktar mod ċar u kategoriku dawn l-attakki. Sħaqna wkoll li kwalunkwe azzjoni min-naħa ta' Iżrael sabiex tipproteġi l-popolazzjoni tagħha għandha ssir b'mod konformi mal-liġi internazzjonali, inkluż il-liġi umanitarja internazzjonali, u skont il-prinċipji tal-proporzjonalità, id-distinzjoni, u n-neċessità militari.

Sadanittant, komplew għaddejjin it-taħditiet diplomatiċi fost il-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà, bil-għan li tiġi maqbula riżoluzzjoni. Madanakollu, konna lkoll konxji li kien hemm bosta sensittivitajiet politiċi li setgħu jostakolaw dan il-proċess. Dawn is-suspetti ġew ikkonfermati fil-ġranet li segwew, għaliex erba' riżoluzzjonijiet, tnejn minnhom ippreżentati mir-Russja, oħra mill-Brażil, u oħra mill-Istati Uniti

tal-Amerika, ma ġewx approvati. F'dan l-istadju, bdejna nħossu li kien hemm bżonn ta' ideat ġodda u innovattivi, u bdejna nesploraw il-possibbiltà li nipproponu riżoluzzjoni li tiffoka fuq is-sitwazzjoni umanitarja tat-tfal.

Huwa tajjeb li nfakkar li Malta hija wkoll iċ-Chair tal-Working Group 'Children in Armed Conflict', u li din it-tema hija waħda mill-prijoritajiet ta' Malta għat-terminu tagħha fuq il-Kunsill. Meta s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Antonio Guterres qal li, u nikkwota: "Gaża qiegħda ssir ċimiterju tat-tfal", ikkonfermajna li ma kienx hemm aktar ħin x'nitilfu, u bdejna naħdmu fuq abbozz minnufih. Fil-ġranet li segwew, l-Ambaxxatriċi Vanessa Frazier u diplomatiċi tagħna ġewwa New York bdew jaħdmu bla waqfien fuq din ir-riżoluzzjoni. Huma kellhom laqgħat u konsultazzjonijiet estensivi mal-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà, mal-pajjiżi interessati, mal-pajjiżi tar-reġjun, u ma' organizzazzjonijiet umanitarji.

Kif tistgħu timmaġinaw, dan kien proċess delikat ħafna. Madanakollu ma qtajniex qalbna, u ħdimna b'mod għaqli u rispettuż lejn kulħadd. Fhimna li sabiex naslu għal ftehim kellna nisimgħu lil kulħadd. Ir-rwol tagħna kien li nwittu t-triq għall-kompromess. Matul il-proċess kellna wkoll inkunu kreattivi u nsibu soluzzjonijiet diplomatiċi. Dan l-approċċ meqjus ġie ferm apprezzat minn kulħadd, u wassal għall-ewwel riżoluzzjoni tal-Kunsill fuq dan is-suġġett mill-2016. Dawn il-ġranet ikkonfermaw illi Malta tgawdi mill-fiduċja sħiħa u r-rispett tal-komunità internazzjonali.

Sur President, ir-riżoluzzjoni li ġiet adottata tappella għall-istabbiliment ta' pawsi u kurituri umanitarji urġenti u estiżi madwar l-Istrixxa ta' Gaża, tippermetti sforzi urġenti ta' salvataġġ għal tfal neqsin, l-evakwazzjoni medika ta' tfal morda jew midruba, u tappella għall-ħelsien mingħajr kondizzjonijiet tal-ostaġġi li qed jinżammu mill-Hamas u gruppi oħra. Barra minn hekk, tenfasizza wkoll l-istatus vulnerabbli speċjali tat-tfal. Ittenni wkoll li l-liġi umanitarja internazzjonali tipprovdi protezzjoni ġenerali għat-tfal bħala persuni li ma jiħdux sehem f'konflitti armati.

Din ir-riżoluzzjoni hija pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. Fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin Malta se tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv fis-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani bil-għan li tissalvagwardja l-ħajja taċ-ċivili kollha. Se nibqgħu sodi fl-impenn tagħna għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-qagħda mwiegħra tat-tfal fil-konflitt armat matul il-kumplament tal-mandat tagħna fil-Kunsill u lil hinn.

Sur President, il-ħidma ta' Malta dwar dan ir-reġjun ma saritx fuq livell multilaterali biss. Tul dawn l-aħħar ġimgħat ħdimt anke fuq livell bilaterali fejn kelli laqgħat varji, kemm f'Malta, kif ukoll barra, ma' ħafna mill-pajjiżi li għandhom interess dirett jew li jiġu affettwati mill-konflitt. Dan se nibqa' nagħmlu biex Malta tibqa' sservi ta' interlokutur għall-paċi fejn kull parti tingħata widen. Irrid infaħħar ukoll ix-xogħol li għamilna proprju ġo dan il-Parlament fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej. Sa mill-bidu tal-konflitt, rajna li nagħtu l-attenzjoni dovuta lil dan is-suġġett, fejn anke ltqajna mar-rappreżentanti diplomatiċi tal-pajjiżi Għarab. Nirreferi wkoll għall-istqarrija li ħareġ l-istess Kumitat fit-12 ta' Ottubru fejn, fost oħrajn, appellajna lill-komunità internazzjonali biex isir sforz minn kulħadd għal soluzzjonijiet li jistgħu jwasslu għal paċi.

Sur President, Malta se tibqa' taħdem għal paċi dejjiema u sostenibbli fil-Lvant Nofsani, paċi bbażata fuq soluzzjoni ta' żewġ stati tul il-fruntieri ta' qabel l-1967. Paċi li tindirizza l-aspirazzjonijiet leġittimi taż-żewġ naħat, b'Ġerusalemm bħala l-Kapitali futura taż-żewġ Stati, li jgħixu spalla ma' spalla fil-paċi u s-sigurtà, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà u l-parametri miftiehma internazzjonalment. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Beppe Fenech Adami.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, irrid nibda dan l-intervent qasir tiegħi billi nifraħ lill-missjoni permanenti u n-Nazzjonijiet Uniti, bħalissa b'Malta tpoġġi fuq il-Kunsill tas-Sigurtà, għal dak li rnexxielha tottjeni bir-Riżoluzzjoni 2712. Id-destin ried li Malta, f'dan il-mument daqstant diffiċli għad-dinja kollha, ikollha siġġu fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, però rrid infakkar li dan ma seħħx b'kumbinazzjoni. Dan seħħ għaliex lura fis-sena 2010 Gvern Nazzjonalista kien fehem li se jkun hemm opportunità li Malta tokkupa dan is-siġġu proprju 13-il sena wara, fl-2023. Kien għalhekk li 13-il sena ilu ħtafna l-opportunità biex illum f'dan il-mument, fejn ir-reġjun tagħna

qiegħed f'salib it-toroq, Malta qiegħda tieħu parti tant importanti f'din is-sitwazzjoni.

Ningħaqad mal-Ministru biex nifraħ lid-delegazzjoni tagħna u lill-missjoni permanenti tagħna fin-Nazzjonijiet Uniti. Insellem lill-Ambaxxatriċi Vanessa Frazier kif ukoll lit-tim tagħha li b'għaqal irnexxielhom iwasslu għal din ir-riżoluzzjoni li għalkemm m'għaddietx b'mod unanimu, però għaddiet bi 12 favur u tliet astensjonijiet relevanti, li huma tal-Istati Uniti tal-Amerka, ir-Renju Unit u r-Russja.

Fir-rigward tal-kontenut, naturalment ninnotaw dak li ġie maqbul fuqu, li hija l-urġenza li jkun hemm 'extended humanitarian pauses'. Kemm hu importanti li quddiem din il-gwerra li qed tħalli tant vittmi, il-partijiet kollha jifhmu li għandu jkun hemm dawk li qed insejħulhom 'humanitarian pauses' biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nies.

Sfortunatament daħlet in-narrattiva, fil-fehma tiegħi perikoluża, li nitkellmu dwar li mietu wisq nies ċivili. Qisu hemm xi kejl fejn ngħidu jekk mitux wisq jew mhux biżżejjed! Jekk tara n-narrattiva fl-isfera internazzjonali ssib li qed imutu 'too many civilians'. Donnu huwa aċċettabbli li jmutu n-nies ċivili, però 'too many'! Nistaqsi: X'inhu 'too many civilians'? Għaliex għalija, għalikom u għal kulħadd, m'għandix dubju li l-mewt ta' dawk it-tfal Iżraeljani fis-7 ta' Ottubru huwa diġà 'too many'. Il-qtil ta' dawk iż-żgħażagħ li kienu qegħdin jieħdu sehem f'party tal-mużika huwa diġà 'too many'. Il-qtil ta' eluf ta' tfal Palestinjani huwa 'too too many'. Il-qtil ta' 12,000 Palestinjan sal-lum huwa 'too, too, too many'.

Għalhekk naħseb huwa importanti li meta nitkellmu dwar dan il-konflitt nitkellmu li, fi gwerra, idealment m'għandux ikun hemm imwiet ta' ċivili. Irridu nitilqu mill-punt fejn qisu għandu jkun hemm xi forma ta' kejl li huwa aċċettabbli li jkun hemm ammont ta' tant ċivili li jinqatlu, però kif naqbżu dik it-threshold, is-sitwazzjoni ma tibqax aċċettabbli.

Illum huwa l-Jum Internazzjonali tat-Tfal, u min qed isegwi l-aħbarijiet, qed nitkellmu dwar id-dritt tat-tfal li ma jgħaddux minn gwerra, għaliex ċertament li t-tfal mhuma bl-ebda mod responsabbli għal dak li qiegħed iseħħ bħalissa. Aħna ningħaqdu mal-pożizzjoni li ħadet din ir-Riżoluzzjoni fejn nappellaw għal pawsi umanitarji biex tkun tista' tidħol l-għajnuna li tant nies għandhom bżonnha. Dawk it-tfal fl-inkubaturi li kellhom jiġu trasportati lejn l-Eġittu lbieraħ żgur m'għandhom qatt ikunu vittmi ta' din il-gwerra. Dawn huma tfal li ttieħdu l-Eġittu mingħajr il-ġenituri tagħhom, jiġifieri spiċċaw iltiema meta għadhom fi stadju li jridu jgħixu f'inkubatur!

Sur President, meta nħares lejn din ir-Riżoluzzjoni nistaqsi: X'inhu l-pass li jmiss? Kien hemm diversi reazzjonijiet, fosthom ir-reazzjoni tat-tama li din ma tkunx riżoluzzjoni oħra li ma tibqax tiġi segwita. Li din ma tkunx riżoluzzjoni oħra, bħalma sfortunatament nafu li kien hemm diversi drabi fin-Nazzjonijiet Uniti, fejn imbagħad ma jkunx hemm il-konsegwenza, it-twettiq u l-infurzar ta' dik ir-riżoluzzjoni. M'għandix dubju li meta nħarsu lejn is-sitwazzjoni kif qiegħda tiżvolġi, it-triq 'il quddiem għall-paċi tibqa' waħda ta' dik li nsejħulha t-'two-state solution'. Però min huma l-partijiet li jistgħu jwasslu għal din it-'two-state solution'?

Indubjament, fuq naħa waħda, irid ikun hemm player li jirrikonoxxi d-dritt li jeżisti l-Istat ta' Iżrael. Ma tista' qatt tasal għal soluzzjoni ta' 'two-state solution' jekk l-interlokutur min-naħa tal-Palestinjani huwa l-interlokutur li jiċħad id-dritt ta' eżistenza tal-poplu u l-Istat Iżraeljan! Jien nifhem u napprezza lil min jieħu l-pożizzjoni li l-Ħamas ma jistgħu qatt ikunu l-bargaining partner, jiġifieri l-persuni li magħhom tista' tiddjaloga biex b'xi mod jintlaħaq dan il-ftehim. Għalhekk naħseb li b'mod naturali hija l-Awtorità Palestinjana li, kif nafu, fil-passat kienet waslet ukoll biex tirrikonoxxi d-dritt li jeżisti l-Istat ta' Iżrael.

Min-naħa l-oħra, irridu wkoll xi ħadd min-naħa l-oħra ta' Iżrael li jirrikonoxxi li l-poplu Palestinjan għandu dritt isegwi l-aspirazzjonijiet tiegħu u li jkollu l-post fejn jgħix, jiġifieri l-Istat Palestinjan. Nawgura li din it-traġedja tiġi fi tmiemha. Jien għamilt l-argument li l-politika tal-għajn għal għajn u sinna għal sinna mhu se twassalna qatt imkien!

Nifraħ mill-ġdid lill-missjoni ta' Malta fin-Nazzjonijiet Uniti għax-xogħol li għamlet. Nawgura li issa mmorru għall-fażi li jmiss u Malta tkun protagonista fil-fażi li jmiss biex tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni diffiċli

li bħalissa hemm fil-Lvant Nofsani. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Mario de Marco.

**ONOR. MARIO DE MARCO:** Sur President, ningħaqad mal-Onor. Beppe Fenech Adami biex qabelxejn nikkommenda l-isforz tad-delegazzjoni ta' Malta fin-Nazzjonijiet Uniti għal din ir-Riżoluzzjoni li żgur ma kenitx ħaġa faċli. Ovvjament, ma nistax ma nassoċjax ruħi ma' mistoqsija li kien għamel l-Ambaxxatur tal-Palestina wara li għaddiet din ir-Riżoluzzjoni meta stqarr hekk:

> "As we speak, Israel has rejected the Resolution. What will you do?".

Naħseb li b'din il-mistoqsija li għamel l-Ambaxxatur Palestinjan, "What will you do?", tefa' responsabbiltà enormi fuq il-komunità internazzjonali u fuq l-istituzzjonijiet internazzjonali biex jagħtu tweġiba.

It-traġedja tal-poplu Palestinjan, kif nafu lkoll, ma bdietx ilbieraħ. Il-poplu Palestinjan ilu għal dawn l-aħħar 70 sena jgħix ħajja ta' refuġjat, ta' okkupat, ta' maltrattat, ta' poplu diżumanizzat u ta' poplu umiljat. Għalhekk naħseb li pajjiżna, li dejjem kellu vuċi soda fil-politika Ewro-Mediterranja, għandu jkompli bl-isforzi tiegħu f'kull istituzzjoni internazzjonali fejn huwa parteċipi. Dan huwa l-appell tiegħi lill-Ministru. Irridu nużaw il-politika tagħna biex nikkonvinċu lill-Istati Uniti biex hi wkoll tuża l-pressjoni tagħha fuq Iżrael, lill-Unjoni Ewropea biex titkellem aktar b'vuċi waħda dwar din it-tema, u lil-Lega Għarbija biex tagħmel ukoll l-isforzi tagħha. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Hawn aktar rimarki? (Onor. Membri: No). Insejjaħ lill-Ministru Ian Borg biex, jekk jogħġbu, jagħmel il-konklużjoni tiegħu.

**ONOR. IAN BORG:** Sur President, nirringrazzja lill-Onor. Beppe Fenech Adami kif ukoll lill-Onor. Mario de Marco tal-interventi tagħhom, kif ukoll l-appoġġ tal-Kumitat Parlamentari rispettiv, għaliex fit-12 ta' Ottubru naħseb li għamilna biċċa xogħol tajba meta qbilna dwar numru ta' prinċipji li għadhom jgħoddu sal-lum. Anke jekk evolva dan il-konflitt, jibqgħu relevanti ħafna u kienu riflessi fir-Riżoluzzjoni li abbozzajna u ġiet approvata kif semmejt fl-istqarrija ministerjali.

Ir-risposti għall-mistoqsijiet kemm tal-Onor. Fenech Adami kif ukoll tal-Onor. de Marco jinsabu fil-mistoqsija u l-kummenti tagħhom stess. Jien ningħaqad magħhom kemm bħala Membru Parlamentari kif ukoll bħala Ministru biex niġbdu ħabel wieħed bħala komunità internazzjonali. Iva, hemm nuqqas ta' tama li diġà hija problematika minnha nnifisha, fejn il-popli li aħna nirrappreżentaw kważi kważi jaħsbu li riżoluzzjoni bħal din li titkellem dwar it-tfal li qed imutu u dwar sptarijiet li mhumiex adegwati biex jagħtu l-kura lil dawn l-istess tfal mhijiex se tkun effettiva, b'dak li qegħdin naraw ilkoll kemm aħna fl-aħbarijiet internazzjonali. Teżisti din il-biża' reali li, saħansitra, anke jekk din ir-Riżoluzzjoni issa ġiet addottata u għalhekk ġiet effettiva daqs liġi internazzjonali u li trid tiġi segwita wkoll permezz ta' rapporti perjodiċi tas-Segretarju Ġenerali li jirrapporta lill-Kunsill tas-Sigurtà il-progress u x'qed jagħmlu l-atturi dwar din l-istess Riżoluzzjoni, kważi kważi kulħadd qalbu maqtugħa li tiġi onorata.

Huwa ta' dispjaċir li tisma' diplomatiċi li għandhom ir-responsabbiltà, mill-mument li tiġi addottata r-Riżoluzzjoni, li jaħdmu biex tiġi implimentata, jistqarru li din daqslikieku ma tiswa xejn! Għalhekk aħna, li ħadna lezzjonijiet dwar is-saltna tad-dritt, naħseb għandna farka responsabbiltà u kredibilità li nappellaw lill-kumplament tal-komunità internazzjonali biex huma wkoll jirrispettaw is-saltna tad-dritt, l-ogħla organu internazzjonali li issa addotta numru ta' prinċipji. Nerġa' ngħid, kif għedt f'diversi intervisti li tajt, li hawn qed nitkellmu fuq il-ħajja tat-tfal, għaliex kieku tkellimna dwar kollox, konna nafu li aktarx tispiċċa mitfugħa 'l barra bħalma spiċċaw l-erba' riżoluzzjonijiet ta' qabilha.

Kien għalhekk li rajna li nipprijoritizzaw. X'hemm egħżeż mill-ħajja tat-tfal li żgur m'għandhomx ħtija ta' dan il-konflitt li issa ilu għexieren ta' snin! Għaldaqstant, m'għandniex inkunu aħna wkoll li naqtgħu qalbna u narmu dik it-tama. Malta fiċ-ċokon tagħha se tibqa' tagħmel l-argumenti u l-pressjonijiet flimkien mal-ħidma diplomatika tagħha. It-tama hi li aħna wkoll inkunu kkontribwixxejna f'dan il-perjodu, li ħadem għalih kulħadd biex Malta sservi fil-Kunsill tas-Sigurtà, sabiex ikun wieħed li jħalli

effetti u riżultati pożittivi fuq ir-reġjun, iżda fuq kollox fuq id-dinja kollha.

Nirringrazzja lill-Prim Ministru, il-Kabinett u l-Grupp Parlamentari li sa mill-ewwel sigħat ta' dan il-konflitt konna magħqudin, anke jekk hu suġġett li jqajjem diversi emozzjonijiet, u qed nagħmlu l-almu tagħna, jekk hux fuq il-Kunsill Ewropew fejn jipparteċipa l-Prim Ministru, jekk hux fil-kunsill li nipparteċipa fih jien bħala l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u anke f'fora oħrajn. Minn hawnhekk nirringrazzja lil kull min ħadem biex wasalna għal dan il-pass żgħir, iżda fid-direzzjoni t-tajba. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Ngħaddu issa għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## IT-TMIEN SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. David Agius, Deputy Speaker, jippresiedi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum Il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għat-Turiżmu. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum m'għandux jieħu aktar minn tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għat-Turiżmu jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 32 - MINISTERU GĦAT-TURIŻMU**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €148,492,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 32 - Ministeru għat-Turiżmu, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XV - MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €44,571,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XV - Ministeru għat-Turiżmu - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Mario de Marco.

**ONOR. MARIO DE MARCO:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 32 - MINISTERU GĦAT-TURIŻMU**
**Personal Emoluments**
**Item 11 - Holders of Political Office**

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".

Sur President, id-diskorsi li nagħmlu f'din il-Kamra, bħala leġiżlaturi ta' dan il-pajjiż u bħala rappreżentanti tal-poplu, għandhom iħarsu lejn għan wieħed, dak li naraw li l-poplu tagħna, li aħna flimkien nirrappreżentaw, ikollu ħajja tajba llum u ħajja aħjar għada. Fuqna taqa' r-responsabbiltà li nagħmlu l-liġijiet u nallokaw flus il-poplu biex nilħqu dawn l-għanijiet. Nitkellmu dwar il-qasam soċjali, nitkellmu dwar il-politika estera, nitkellmu dwar affarijiet tal-intern u ż-żamma tal-ordni, nitkellmu fuq is-saltna tad-dritt u sintendi anke fuq l-ekonomija ta' pajjiżna.

It-turiżmu jaqa' proprju fil-qafas tad-diskors ekonomiku. Però nagħmlu żball jekk inħarsu lejn it-turiżmu biss mil-lenti ekonomika. Nagħmlu ħażin jekk inħarsu lejn it-turiżmu sempliċement mil-lat ta' numri, ta' kemm jiġu turisti lejn pajjiżna u kemm iqattgħu ljieli fostna. Id-diskors dwar it-turiżmu għandu jkun ħafna usa' minn hekk. Il-bżonn li nħarsu lejn dan is-settur minn lenti iżjed wiesgħa huwa importanti u urġenti fiż-żmien tal-lum, aktar minn qatt qabel.

Għaliex qed ngħid dan, Sur President? Sa ftit ilu konna nħarsu lejn il-popolazzjoni ta' pajjiżna u naqsmuha f'residenti, jiġifieri Maltin u ftit barranin li jgħixu permanentement f'Malta, u magħhom inżidu t-turisti. Jekk wieħed jagħmel kalkolu sempliċi, it-turisti kienu jżidu l-popolazzjoni ta' pajjiżna b'madwar 40,000 ruħ ta' kuljum, jiġifieri n-numru ta' nies f'Malta f'kull ġurnata kien ta' madwar 540,000 u magħhom konna nżidu bejn wieħed u ieħor 40,000 turist. Illum biex naslu għall-istess kalkolu rridu nżidu n-numru ta' ħaddiema barranin li qed jgħixu u jaħdmu f'pajjiżna. Skont ċifri ppubblikati fi tmiem is-sena li għaddiet, dawn kienu laħqu għal kważi 100,000.

Din l-isplużjoni fil-popolazzjoni li saret mingħajr ippjanar jew ħsieb wasslet, kif ilkoll nafu, għal pressjoni kbira fuq l-infrastruttura ta' pajjiżna li tintuża kemm mill-Maltin kif ukoll mit-turisti. Hawn se nagħti ftit eżempji. Meta turist ikun qiegħed isuq fit-toroq tagħna, bħalna se jinqabad fit-traffiku li, kontra dak li wiegħed il-Gvern, mhux talli ma naqasx wara l-proġetti li saru, talli rajnieh jiżdied. Meta turist ikollu jmur l-isptar jew f'xi ċentru tas-saħħa, bħalna l-Maltin se jara s-swali ta' stennija mimlijin u l-ħin ta' stennija jiżdied, għaliex il-faċilitajiet ma żdidux biex ilaħħqu maż-żieda fil-popolazzjoni. Meta turist jirkeb tal-linja se jara kjuwijiet kbar għaliex is-servizz tat-trasport pubbliku ma tjiebx.

Meta turist imur jgħum fil-bajjiet, se jara bajjiet iffullati u bħalna se jara d-drenaġġ fil-baħar. It-turisti li kienu hawnhekk ftit xhur ilu batew, kif batejna aħna, bil-qtugħ fil-provvista tal-elettriku minħabba ż-żieda fid-domanda. Qed ngħid dan għax Gvern Laburista mela lil pajjiżna bi kwantità kbira ta' ħaddiema barranin. Hawn m'iniex qed nidħol fil-mertu jekk kellniex bżonnhom jew le, però nfakkar il-kliem tal-eks Ministru tal-Finanzi, illum Gvernatur tal-Bank Ċentrali, Prof. Edward Scicluna li kien jgħidilna li pajjiżna għandu bżonn il-ħaddiema barranin biex nibqgħu kompetittivi.

Ftaħna l-bibien beraħ mingħajr ħsieb jew pjan serju dwar il-konsegwenzi fuq l-infrastruttura tagħna. B'riżultat ta' dan kollu li semmejt u affarijiet oħra, kellna ż-żieda straordinarja fil-prezzijiet tal-kirjiet u tal-bini kif ukoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-affarijiet essenzjali. Din in-naħa tal-Kamra għamlet snin twal twissi lill-Gvern li s-sitwazzjoni mingħajr ippjanar ma kenitx waħda sostenibbli, iżda l-Gvern kien jgħid li aħna qed inkunu negattivi, li ma konniex nafu x'qed ngħidu, u li dan in-numru kien hemm bżonnu għaliex l-ekonomija tagħna qiegħda tikber u ż-żieda fil-ħaddiema hemm bżonnha biex inkabbru l-ekonomija.

Però ż-żmien tana parir u raġun. Illum il-Gvern stess qed jgħid li s-sitwazzjoni mhijiex sostenibbli. L-istess Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana, li sa ftit ilu kien il-persuna li kien qed imexxi l-politika tal-inward migration of labour, issa qed jgħid li dak li kien qed jagħmel hu qabel, illum mhuwiex aktar sostenibbli. Naħseb li għandna ngħidulu prosit, Sur Ministru! Xogħlu mhuwiex li jkun bravu with the benefit of hindsight! Xogħlu mhuwiex li jkun bravu llum! Xogħlu kien li jippjana bis-serjetà ħalli jkollu l-foresight! Min-naħa tagħna pprovajna niftħulu għajnejh, iżda hu ma riedx jara jew jisma'.

Smajna li kif l-ekonomija sejra llum, il-popolazzjoni mhux biżżejjed li żdiedet għal 550,000 ruħ, iżda biex tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-ekonomija llum għandha bżonn titla' għal 800,000 ruħ!

Il-futur tas-settur tat-turiżmu issa rridu narawh f'realtà ġdida li għandu pajjiżna llum u jista' jkollu għada. Minkejja l-impressjoni li qed jipprova jagħti l-Gvern, il-ħaddiema barranin saru parti integrali mis-sistema ekonomika ta' pajjiżna. Tmur f'ristorant jew f'lukanda u l-biċċa l-kbira, mhux il-minoranza, tal-ħaddiema mhumiex ħaddiema Maltin imma ħaddiema barranin. Hawn irridu nassumu li se jkun hawn għexieren tal-eluf għas-snin li ġejjin, għaliex l-arloġġ ma tistax treġġgħu lura. Meta nfasslu l-pjanijiet tagħna, inkluż il-pjanijiet għas-settur tat-turiżmu, irridu nagħrfu din ir-realtà ġdida, li hija wkoll intrinsikament marbuta mar-riżors uman li jaqdi l-bżonnijiet tal-industrija tat-turiżmu, billi nafu li llum il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema li jaħdmu f'din l-industrija huma aktar barranin milli Maltin. Issa hawn forsi jkun hawn min jistaqsi: Hija xi ħaġa ħażina jekk pajjiżna jġib ħaddiema barranin biex jaħdmu fis-settur tal-lukandi u r-ristoranti meta m'aħniex qed insibu ħaddiema Maltin?

Naħseb il-mistoqsija qiegħda titqiegħed ħażin. Sa ftit snin ilu l-mistoqsija kienet: Kif se ngħollu l-livell tal-ħaddiema Maltin biex inkunu f'pożizzjoni li noffru servizz aħjar lit-turist? Kienet proprju din il-mistoqsija li wasslet lill-amministrazzjoni Nazzjonalista li tiftaħ l-Istitut għall-Istudju Turistiċi (ITS) biex studenti u ħaddiema Maltin jingħataw taħriġ professjonali u serju. Il-loġika hija sempliċi; servizz aħjar, turist ta' kwalità aħjar. Illum pajjiżna huwa nieqes għalkollox minn din il-loġika. Il-logħba saret waħda biss ta' numri, u ftit jew xejn qed inħarsu lejn l-esperjenza li qed jieħu t-turist f'pajjiżna. Nirreferi għal slide li rajt fi preżentazzjoni tal-Malta Tourism Authority (MTA) li saret fil-Quarter 3 presentation tal-Malta Hotels and Restaurants Association (MHRA) li kienet tgħid hekk: "Here's to breaking records and beyond.". M'hemm xejn ħażin li niksru r-rekords, però dan ifisser li l-politika li niġru wara n-numri għadha hemm u se tibqa' magħna. Din il-logħba tan-numri qed iddaħħalna f'ċirku vizzjuż fejn qed inżidu aktar kmamar u mbagħad irridu naraw kif se nimlewhom.

Hawn se nfakkar f'dak li kienet qalet l-MHRA is-sena l-oħra, u nikkwota artiklu mis-sit online tal-ġurnal *The Malta Independent*, li aktar 'il quddiem se nitlob il-permess biex inqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. L-MHRA qalet hekk:

> "A study by the Malta Hotels and Restaurants Association shows that Malta will need to bring in 4.7 million tourists to cater for planned increase of hotels. This is almost double the 2.8 million tourists Malta received before the COVID-19 pandemic.
>
> It also said that to reach the same occupancy rates of 2019, there would need to be around an 80% increase in arrivals over the next 5 years. With the expected supply growth, Malta will not be able to keep up with the recovering air-connectivity.".

Dan ġie kkwotat li qalu Michael Zarb, il-Financial Advisory Director ta' Deloitte Malta. Xi jfisser dan kollu? Aktar qabel fid-diskors għedt illi fuq medja ta' sena t-turisti li jkunu f'pajjiżna qegħdin ilaħħqu għal 40,000 persuna kuljum. Jekk taħdem biċ-ċifri li semmew Deloitte Malta fl-artikolu li għadni kemm ikkwotajt, il-medja ta' turisti kull ġurnata f'pajjiżna se jirdoppja u jitla' għal kważi 100,000 kuljum. Apparti dan, irridu nieħdu inkonsiderazzjoni dak li kien qal ftit xhur ilu l-Ministru Clyde Caruana li l-popolazzjoni ta' pajjiżna, biex tlaħħaq mal-ekonomija tagħna, jekk ma nbiddlux ir-rotta u naħdmu b'mudell ekonomiku ġdid, għandha titla' għal 800,000. Dan ifisser li f'din il-gżira tagħna se jkollok popolazzjoni ta' 800,000 u 100,000 turist, jiġifieri kważi miljun persuna jgħixu f'din il-gżira żgħira. Hawn qed ngħidu li se jkun hawn aktar nies li se jużaw it-toroq, il-bajjiet, l-elettriku, id-drenaġġ u nista' nibqa' nsemmi. Qed ngħid dan għaliex l-ippjanar tat-turiżmu bilfors għandu jieħu ħsieb ukoll l-ippjanar tal-popolazzjoni tagħna.

Il-ġimgħa li għaddiet rajna konferenza tas-SiGMA, li minn hawnhekk insellmilhom. Din kienet konferenza eċċellenti li rridu nattiraw aktar bħalha u li ġabet numru ta' nies barranin ta' kwalità lejn pajjiżna. Ovvjament, il-lukandiera lkoll ħadu gost biha, però nafu li kien hemm konsegwenzi fuq it-traffiku tagħna lejn in-naħa tal-Marsa. Dan ifisser li hemm bżonn nippjanaw aħjar għal dawn it-tip ta' avvenimenti, għaliex pajjiżna u l-popolazzjoni ta' pajjiżna qiegħda tinbidel. Ikun għajb jekk wieħed jippjana biex

iġib konferenza eċċellenti ta' SiGMA, iżda għaliex il-popolazzjoni tagħna kibret bla rażan, ma nkunux nistgħu nikkejterjaw għal dawn it-tip ta' konferenzi li jgħinu bil-kbir lil-lukandiera tagħna biex ikollhom it-turisti ta' kwalità li aħna rridu. Dan ifisser li se jkollok ħaġa qiegħda timxi kontra l-oħra, xi ħaġa li ma rriduhiex.

In-nuqqas ta' ppjanar illum diġà qed jaffettwa l-operat ta' numru ta' setturi ekonomiċi tagħna, inkluż is-settur tat-turiżmu. Għaliex ma ħsibniex fuq l-effetti ta' politika ekonomika li ħaddem il-Gvern qegħdin inbatu l-konsegwenzi. Għalhekk wieħed mill-ewwel eżerċizzji li rridu nagħmlu huwa tal-carrying capacity ta' pajjiżna. Meta ngħid carrying capacity qed nitkellem dwar xi jlaħħaq pajjiżna f'termini ta' popolazzjoni lokali u barranija, temporanja u permanenti, u f'termini ta' turisti. Minn hemmhekk irridu nibdew. It-tnejn huma marbutin intrinsikament ma' xulxin, għaliex jekk il-popolazzjoni tagħna trid tikber biex tlaħħaq mal-ekonomija tagħna, dan ifisser li jista' jagħti l-każ li jkollna nattiraw inqas turisti. Jekk min-naħa l-oħra l-popolazzjoni tista' tkun ikkontrollata fit-tkabbir tagħha, għaliex nibdew inħaddnu mudelli ekonomiċi li huma inqas labour intensive, dan ifisser li jkollna l-flessibbiltà li nistgħu nattiraw aktar turisti lejn pajjiżna.

Il-punt kruċjali hu li kollox irid isir bil-ħsieb u bi strateġija. Minn hemm irridu naraw x'investiment irridu għall-futur fl-infrastruttura, fil-mezzi tat-trasport, kemm pubbliċi kif ukoll privati, fl-enerġija, fis-sistema tad-drenaġġ, fis-sistema tas-saħħa, fl-edukazzjoni u fl-iskejjel tagħna. Wieħed mill-fatturi li rridu nikkonsidraw hija r-reazzjoni tal-poplu Malti u r-residenti tagħna lejn l-influss tal-barranin u lejn it-turisti li nattiraw. Meta tibda tara li r-reazzjoni hija waħda negattiva, mhux biss mill-għajn tat-turist iżda wkoll mill-għajn tar-resident, tkun taf li wasal il-mument delikat ta' l-hekk imsejjaħ overtourism. Dan huwa fenomenu li għaddew minnu r-residenti ta' Venezja, ir-residenti ta' Amsterdam, ir-residenti ta' Barċellona u tant postijiet oħrajn. Dan ma rriduhx f'pajjiżna, għax l-attività u l-esperjenza tat-turisti u tar-residenti għandha tkun waħda pożittiva minn kull lat.

Biex nagħti eżempji fejn dan mhux qed ikun il-każ nirreferi għal dak li qiegħed jiġri fil-Belt Valletta. Niftakru żmien meta l-Belt Valletta kienet belt kwieta fejn wara li jagħlqu l-uffiċini ma kont tara kważi lil ħadd ħlief għar-residenti tal-Belt. Kellna pjan biex nagħtu ħajja ġdida lill-Belt. Pereżempju, iż-żona fejn qegħdin hawnhekk illum kienu jipparkjaw il-karozzi. Konna ġibna lil Renzo Piano biex jagħmel il-pjan għad-daħla tal-Belt u naħseb li dak il-pjan irnexxa bil-kbir għaliex erġajna tajna dinjità u ħajja lill-Belt.

Fil-fatt organizzajna numru ta' attivitajiet bħan-Notte Bianca, nidejna l-Baroque Festival, Żigużajg għat-tfal, Science in the City u diversi attivitajiet oħra. Illum tidħol il-Belt u tieħu gost bil-ħajja li hawn. Però ġara li qbiżna l-linja tal-bilanċ. Hawn nirreferi għall-avviż legali li bħala Oppożizzjoni kkritikajna, għax qed jippermetti li tindaqq il-mużika sa 1.00 a.m fil-beraħ. F'daqqa waħda qed naraw li mhux biss ir-residenti tal-Belt qed igorru għal dan, iżda anke t-turisti li nattiraw biex joqogħdu fil-boutique hotels li konna inċentivajna biex jiftħu fil-Belt sabiex inkomplu nagħmlu belt ħajja. L-ilmenti huma dwar l-istorbju li sar hawn fil-Belt. Minflok ma ttrattajna l-Belt differenti minn żoni turistiċi oħrajn, irrendejna l-Belt daqslikieku kienet Paceville ieħor!

Dan ifisser li l-unika viżjoni li llum għandu l-Gvern għall-Belt Valletta hija li l-ewwel tagħmel il-flus, it-tieni li tkompli tagħmel il-flus u t-tielet li tkompli taqla' l-flus. M'hemm xejn ħażin li taqla' l-flus, però huwa ħażin meta dan qed tagħmlu għad-detriment ta' ħaddieħor. Jien ikkritikajt dan fil-pubbliku kif ukoll ikkritikajt il-mod ta' kif pajjiżna, sfortunatament, bil-bidla tal-kwalità tat-turist qiegħed isir verżjoni ta' Magaluf! Dan qed jgħiduh diversi nies li qed jiktbu fuq pajjiżna f'ġurnali barranin, fosthom dawk Ingliżi. M'hemm xejn ħażin li nattiraw liż-żgħażagħ, anzi importanti li nattiraw liż-żgħażagħ, u dan konna għamilnieh meta nidejna l-attività tal-Isle of MTV, preċiżament biex nattiraw aktar żgħażagħ lejn pajjiżna u mhux ikollna gżira li tattira biss, dak iż-żmien, turisti ta' età aktar avvanzata.

Però, fuq kollox, fil-ħajja l-importanti huwa dak il-bilanċ delikat li ħafna drabi jisfuġġilna. F'daqqa waħda rajna kif l-Awtorità tat-Turiżmu qiegħda timpala flejjes kbar għal numru ta' attivitajiet. Jien għamilt numru ta' mistoqsijiet f'din il-Kamra biex il-Ministru jagħtina elenku ta' sponsorships li saru. Staqsejt fuq liema bażi qed jingħataw dawn l-isponsorships u għalfejn ħafna mill-flejjes qed imorru ħafna drabi għand l-istess nies. Hawn nirreferi għall-mistoqsijiet parlamentari 10108, 10401, 10635, 11093,

10107, 10400, 10634 u11094. Ir-risposta li rċevejt dwar talba għar-rendikont ta' baġit ta' aktar minn €56 miljun għall-marketing dejjem kienet waħda ta' silenzju assolut! Qatt ma kelli risposta għal dawn il-mistoqsijiet parlamentari.

L-istess kif hemm silenzju assolut u nuqqas ta' trasparenza dwar il-ġbir tal-eco-contribution u fejn il-fondi miġbura qed imorru. Tant li l-MHRA stess fil-pre-budget document tagħha qalet u nikkwota:

> "It would be beneficial for government to publish transparency reports showing the collection and spend of such funds. This will act as a safeguard while also providing reassurance to the industries.".

Din mhijiex xi ħaġa li qed titlob biss l-Oppożizzjoni, imma anke l-MHRA.

Din is-sena l-Gvern naqqas l-allokazzjoni għall-Awtorità tat-Turiżmu bi kważi 10%. Nistaqsi: X'wassal għal dan? Nittama li l-Ministru jagħtina l-ispjegazzjoni tiegħu għaliex l-MTA kellha l-baġit tagħha mnaqqas. Forsi kien proprju għaliex il-Gvern jew il-Ministru għall-Finanzi ma kienx komdu bil-mod ta' kif kienu qed jintnefqu flus il-poplu mingħajr trasparenza, kontabilità u rendikont? Jew forsi għaliex l-MTA b'mod regolari, jien ngħid ħafna drabi b'mod abbużiv, kienet qiegħda teċċedi l-estimi vvotati minn din il-Kamra? Dan kien qed jikkontribwixxi għal aktar dejn tal-Gvern. Ikun tajjeb li l-Ministru jispjega x'wassal għal dan it-tnaqqis fil-baġit tal-MTA. Rajna wkoll tnaqqis ta' kważi terz tal-baġit tal-Foundation for Tourism Zones Development minn €3.5 miljun għal €2.5 miljun. Rajna tnaqqis tal-baġit għal xogħlijiet ta' riġenerazzoni minn €2.5 miljun għal €800,000. Rajna li l-baġit għall-manutenzjoni tal-Belt baqa' staġnat għal €310,000.

Forsi l-Ministru jista' jgħidilna wkoll dwar xi proġetti kapitali li se tagħmel l-MTA sabiex ittejjeb il-prodott turistiku ta' pajjiżna. Nittama li l-proġetti li għandha fi ħsiebha l-MTA imorru lil hinn mill-promenade tal-Għadira u mit-Tunnara tal-Mellieħa. Il-Mellieħa hija importanti bħala ċentru turistiku, però ż-żona tal-Mellieħa mhijiex l-uniku ċentru tat-turiżmu f'pajjiżna. Jekk il-Ministru jaħseb li f'pajjiżna m'hawnx bżonn ta' aktar investiment, allura ngħidlu li qed jgħix fuq gżira differenti. Infakkar lill-Ministru fil-Malta Attractive Survey li jsir minn Ernst & Young (EY) kull sena.

Huwa minnu li dan is-survey ma jsirx fost it-turisti iżda fost barranin li jagħżlu li jinvestu f'pajjiżna, imma dak li qed jaraw dawn il-barranin ħafna drabi qed jarawh ukoll it-turisti. Fis-survey ta' din is-sena kważi 90% ta' dawn il-barranin li jinvestu f'pajjiżna qalu li Malta mhijiex ippreparata għaż-żieda fil-popolazzjoni. Se naqra silta mir-rapport tal-EY li bil-permess se nqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Dan jgħid hekk:

> "Eighty-eight percent of respondents consider Malta's planning and preparedness for population growth in terms of infrastructure development to be inadequate.".

Il-Ministru se jgħid li din mhix problema li ħoloq hu u għalhekk mhix problema tiegħu. Però jiddispjaċini ngħidlu li, iva, hija problema tiegħu wkoll, għaliex it-turist li jiġi hawn ukoll qed ibati min-nuqqas ta' ppjanar tal-Gvern li hu jifforma parti minnu. Hawn qed nitkellmu fuq responsabbiltà kollettiva. It-turist ukoll qiegħed jara l-ħmieġ u t-telqa li hawn f'dan il-pajjiż. It-turist ukoll qiegħed jara li pajjiżna sar sit ta' kostruzzjoni li qatt ma jintemm u jispiċċa. Jien nistaqsi lill-Ministru: Inti qed tagħmel xi ħaġa biex tiġġieled dan l-istat ta' fatt? Nittama li l-Ministru mhux se jgħidilna li se jagħmel bajja ġdida, għax f'għaxar snin kważi f'kull baġit issemma li se ssir bajja ġdida u ma sar xejn! Ma nafx kemm-il sena ilna nisimgħu li se jsir il-management plan ta' Kemmuna, imma dan ma sarx għax donnu li l-aktar ħaġa importanti għal Kemmuna hi li nkomplu nżidu n-nies fuq din il-gżira u nkomplu nikru aktar deckchairs!

S'issa l-unika proposta li ħarġet minn dan il-Gvern dwar l-influss tal-ħaddiema barranin f'pajjiżna, b'mod partikolari fl-industrija tat-turiżmu, kienet il-proposta tal-iskills cards. Din hija proposta tajba fiha nnifisha jekk l-iskop tagħha huwa li jkollna ħaddiema aktar imħarrġa, iżda żgur li mhijiex se ssolvi l-problema tal-isplużjoni fil-popolazzjoni tagħna.

Insemmi t-traffic jams li se jkollna f'pajjiżna, kemm jekk il-ħaddiema li jgħixu f'pajjiżna huma mħarrġa fit-turiżmu jew le. Hemm ukoll il-problema tal-implimentazzjoni ta' din il-proposta u l-ispiża tagħha. Skont rapporti fil-gazzetti u

skont l-istqarrija tal-Ministru, din il-proposta se tiswa €579 għal kull ħaddiem, liema spiża se jġorrha jew il-ħaddiem jew l-employer. Jekk hawn miżerjament 10,000 ħaddiem barrani fl-industrija tat-turiżmu, din hija spiża ta' 'l fuq minn €5.7 miljun li se jkollha tinġarr. Għalhekk nappella lill-Gvern sabiex jitkellem mal-istakeholders qabel ma jipproċedi bl-implimentazzjoni ta' din il-proposta sabiex ikun hemm aktar trasparenza dwar kif se tiġi implimentata.

In-nuqqas ta' ppjanar u ħsieb ta' dan il-Gvern issibu, jiddispjaċini ngħid, f'kull qasam. Il-Gvern jipprova jagħti l-impressjoni li kollox miexi fuq ir-rubini sakemm niskopru li dan mhux il-każ. Anzi, ħafna drabi l-affarijiet ikunu agħar milli ħsibna! Waħda minnhom hija l-Air Malta. Niftakru lill-eks Ministru tat-Turiżmu Konrad Mizzi, li dak iż-żmien kien responsabbli mhux biss għat-turiżmu iżda anke għall-Air Malta, jgħidilna mhux tant ilu, għax qed nitkellmu dwar is-sena 2019, li l-Air Malta qed tagħmel profitt u li hemm pjanijiet li tibda ttir lejn l-Istati Uniti u l-Indja. Niftakru fil-ħolma tiegħu li ttir lejn JFK u Mumbai u saħansitra ordna żewġ ajruplani tat-tip A321XLR għal rotot fit-tul li kienu għadhom fi stadju ta' produzzjoni! Illum il-ġurnata, sfortunatament, nafu sa fejn se ttir l-Air Malta, għaliex smajna lill-Ministru għall-Finanzi jgħid li l-Air Malta se tieqaf topera f'April li ġej għax il-pjan tal-Gvern għal għajnuna statali u ristrutturat tal-Air Malta falla għalkollox.

Issa jien wieħed li dejjem qgħadt attent ħafna meta nitkellem fuq is-settur tal-avjazzjoni għaliex, allavolja qatt ma kont responsabbli għal Air Malta, naf xi sfidi hemm u naf kemm l-aċċessibilità bl-ajru lejn pajjiżna hija kruċjali u suġġett delikat. Għalhekk dejjem għedt kelma inqas milli kelma żejda. Però issa l-Gvern irid jagħti spjegazzjoni ċara dwar x'wassal biex il-linja nazzjonali tal-ajru ikkrollat u l-pjan tal-Gvern lill-Kummissjoni Ewropea ma ġiex aċċettat għax ma kienx kredibbli. Amministrazzjoni Nazzjonalista kienet ħadmet u ftiehmet dwar pakkett ta' ristrutturar mal-Unjoni Ewropea fl-2012. Meta tela' dan il-Gvern fl-2013, inqas minn sena wara, kulma kellu jagħmel huwa li jimplimentah. Iżda minflok warrbu u dan wassal għall-falliment tal-Air Malta. Ir-riżultat huwa li l-Air Malta għamlet dejn ikbar minkejja l-flus li kienet ingħatat, u issa l-Gvern se jkollu jonfoq aktar mijiet ta' miljuni biex jibda linja tal-ajru ġdida.

Hawn nistaqsi lill-Ministru tat-Turiżmu u lill-Awtorità tat-Turiżmu: Ġejtu kkonsultati fuq l-istrateġija li se taddotta l-linja nazzjonali tal-ajru li se tieħu post l-Air Malta? X'se jkunu l-prijoritajiet ta' din il-linja nazzjonali? Se jkunu l-istess bħalma kienu tal-Air Malta? X'fiduċja għandkom li l-istess management team li wassal għall-falliment tal-Air Malta se jmexxi b'suċċess il-linja l-ġdida nazzjonali? X'fiduċja għandkom li dak kollu li smajna li se jwettqu sabiex jagħmlu l-linja ġdida aktar profitabbli, iżda ma rnexxilhomx jagħmlu fis-snin li mexxew l-Air Malta issa, Alla jbierek, is-sena d-dieħla se jirnexxilhom?! Nixtieq forsi l-Ministru jagħtina ftit informazzjoni fuq dan il-punt.

Bħala gżira fil-Mediterran aħna niddependu fuq il-linja tal-ajru sabiex inġibu t-turisti lejn pajjiżna. Amministrazzjoni Nazzjonalista rnexxielha tkabbar in-numru ta' titjiriet lejn pajjiżna mingħajr ma falliet il-linja nazzjonali. Gvern Laburista dan ma jistax jgħidu. Hawn nistaqsi jekk il-Ministru huwiex komdu bid-dominanza li taħtu akkwistat r-Ryanair li llum ġġorr aktar minn 50% tat-turisti lejn pajjiżna u li malli ħarġet l-aħbar ta' falliment tal-Air Malta kienu pronti jiddiskrivu lilhom infushom bħala 'the unofficial national airline of Malta'! Nistaqsi lill-Ministru dwar x'qiegħed isir sabiex itejjeb il-konnettività ta' pajjiżna, mhux tant sabiex inżidu n-numru ta' turisti iżda sabiex nappoġġjaw dawk is-setturi li jġibu aktar turisti ta' kwalità, bħal M.I.C.E. Nistaqsi dwar x'qed isir sabiex nistabbilixxu konnettività man-North America li ġġibilna turisti ta' kwalità li jonfqu, kif għamlet il-Greċja u numru ta' gżejjer oħrajn.

Sur President, semmejt il-Mediterran, u hawn ippermettili nagħmel osservazzjoni li għalissa mhijiex marbuta mat-turiżmu, iżda ma' dak li qed jiġri fir-reġjun. Smajna l-istqarrija tal-Ministru Ian Borg u l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward. L-inkwiet tiegħi huwa ċar ma' kulħadd. Jekk din il-gwerra tiskala, allura se naraw inkwiet fil-Mediterran. Jalla dan ma jseħħx, imma bħalissa fid-dinja donnu hawn aktar aptit għall-gwerra milli hawn sentiment għall-paċi. It-turiżmu għandu bżonn il-paċi u pajjiżna jrid ikompli jaħdem f'kull forum internazzjonali fejn huwa parteċipi sabiex ikun hawn paċi u soluzzjoni dejjiema.

Sur President, nixtieq li fil-parti tal-għeluq niffoka fuq il-viżjoni għall-futur u nitkellem ftit fuq il-viżjoni tal-Oppożizzjoni għall-futur ta' dan

is-settur. Il-mibki Robert Arrigo kien diġà ħejja pjan għall-futur tat-turiżmu, hekk kif konna qed noħorġu mill-Covid-19. Però ovvjament il-pjan għat-turiżmu qatt ma jista' jkun statiku u għandu jkompli jaġġorna ruħu. Fid-diskors tal-Baġit il-Ministru Clyde Caruana qal, u nikkwota:

> "Illum id-diskussjoni turistika f'pajjiżna m'għadhiex iċċentrata ma' kemm ġejjin turisti fis-sena, iżda dwar x'tip ta' turisti rridu nattiraw lejn il-gżejjer tagħna.".

Sfortuntament id-diskors ta' dan il-Baġit ma joffri l-ebda viżjoni u miżuri f'dan ir-rigward. L-aħħar preżentazzjoni li jien semmejt aktar qabel titkellem biss dwar numri u rekords. Huwa għajb li għadna qed naraw bini bla rażan ta' akkomodazzjoni, kemm kollettiva kif ukoll privata, immirat lejn turiżmu ta' numri u m'aħna qed nagħmlu xejn biex inġibu aktar turisti ta' kwalità. Huwa għajb li l-MTA ftit li xejn qiegħda tagħmel sabiex tirregola settur kbir ta' akkomodazzjoni privata li qiegħda tikkompeti ma' akkomodazzjoni kollettiva, nofs liema akkomodazzjoni privata hija stmata mill-MHRA li mhijiex liċenzjata. Dan għaliex hemm min għandu interess li l-Enforcement Unit tal-MTA ikun u jibqa' bla snien. Huwa għajb li l-Average Daily Rate (ADR) tal-high star accommodation tagħna hija l-agħar fil-pajjiżi tal-Mediterran skont d-dataset tal-Hot-Track.

Mela għandna l-ogħla rata ta' okkupazzjoni, iżda l-ADR tagħna hija l-agħar waħda! Din hija ħaġa li tikkontradixxi lilha nnifisha, u ftit li xejn qegħdin isiru sforzi sabiex nattiraw turisti ta' kwalità li jistgħu jgħinu sabiex l-ADR ta' dawn il-lukandi titjieb. Huwa għajb li skont studju tal-Association of Catering Establishments (ACE), il-profitt medju ta' ristorant fejn il-proprjetà tkun mikrija huwa biss ta' 2.9%. Għidli min jinvesti llum għal redditu ta' 2.9%? U m'hemm xejn mill-proposti tal-pre-budget tal-istess ACE intiżi sabiex jagħmlu lil dan is-settur, li huwa tant intrinsikament marbut mat-turiżmu, aktar sostenibbli, li ġie milqugħ mill-Gvern fil-Baġit tiegħu.

Huwa ta' għajb li skont il-Federation of English Language Teaching Organisations Malta (FELTOM), mill-istħarriġ ta' nofs is-sena, it-tieni kwart, joħroġ li l-wasliet tal-istudenti kienu 19% fuq l-2019. Jekk nieħdu l-istudent weeks, dawn kienu -13% u d-dħul totali - 4%, dejjem fuq l-2019. Però mbagħad ftit li xejn nisimgħu mingħand il-Ministru fuq dan is-settur u l-futur tiegħu, u kif se nindirizzaw l-isfidi li l-iskejjel tal-lingwi qegħdin jispiċċaw bħalissa.

L-Oppożizzjoni tqis is-settur tat-turiżmu bħala wieħed mill-muturi tal-ekonomija ta' pajjiżna, imma ma naqblux li dan is-settur għandu jkun gwidat mill-prinċipju li l-aqwa li nġibu biss in-numri. Nerġa' nenfasizza li n-numri huma importanti, iżda daqstant ieħor huwa importanti li nimmoniterjaw l-ispiża li dawn it-turisti qed iħallu f'pajjiżna. Huwa importanti li pajjiżna jattira t-turisti, iżda huwa daqstant ieħor importanti li niffokaw fuq turiżmu ta' kwalità iżjed milli fuq kwantità biss. Biex nagħmlu dan, hemm bżonn ta' bidla msejsa fuq pjan li jħares lejn il-futur ta' din l-industrija. Tajjeb nistaqsu: Min se jkun it-turist li se jżur lil pajjiżna għaxar snin oħra? Kif se taffettwa l-bidla tal-klima lit-turiżmu f'Malta? Jekk it-temperaturi jibqgħu jogħlew nafu nispiċċaw li jkollna iżjed turisti fix-shoulder months milli fis-sajf. X'impatt jista' jkollu dan fuq is-settur? Ilkoll niftakaru x'ġara s-sajf li għadda fi Spanja, fil-Ġreċja u fil-gżira ta' Rodi.

Hekk kif qed ikomplu jogħlew it-temperaturi aktar se jkollna sitwazzjonijiet bħal dawn li se jaffettwaw bil-kbir t-turiżmu fil-Mediterran. X'se nagħmlu biex ngħollu l-livell tal-prodott? Il-prodott turistiku f'pajjiżna qed jidher għajjien u għandu bżonn riġuvinazzjoni. Hawn qed nirreferi mhux biss għal hard product imma wkoll għall-hekk imsejjaħ soft product, jiġifieri s-servizz li jingħata t-turist li jżur pajjiżna. Jien ma naqbilx mas-sistema ta' kif il-Gvern qed jintroduċi l-iskills card. Iva, hemm bżonn li ntejbu t-taħriġ ta' dawn in-nies, però ejja naraw ukoll dak li diġà qiegħed jagħmel is-settur privat, jiġifieri l-lukandi u l-lukandiera stess, biex itejbu l-kwalità tal-ħaddiema u nimxu id f'id magħhom.

Sur President, hemm bżonn investiment serju fil-ħaddiem f'dan is-settur. Minn hawn insellem lill-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan is-settur fantastiku u nirringrazzjahom għall-ħidma tagħhom. Nirringrazzja wkoll lill-lukandiera u r-ristoranti li joffru minn jeddhom taħriġ lill-ħaddiema tagħhom u qegħdin ikomplu jinvestu fil-lukandi u fir-ristoranti f'pajjiżna. Is-soluzzjoni għal din il-problema trid tinstab mill-privat bl-għajnuna u d-direzzjoni tal-Gvern, iżda b'mod ċentralizzat.

Inħeġġeġ lill-Gvern jagħmel carrying capacity exercise biex jidentifika x'investiment hemm bżonn isir biex Malta tlaħħaq maż-żieda preżenti u futura tan-nies li jkunu f'pajjiżna b'mod permanenti u temporanju. Hemm bżonn investiment kbir fiċ-ċentri turistiċi tagħna għaliex ħafna minnhom qed jidhru għajjenin, maħmuġin u mitluqa. Mhux sew li ntellgħu bini sabiħ iżda mbagħad indawruh b'ambjent żdingat u mitluq. Hemm bżonn li nipproteġu lill-irħula u l-bliet antiki tagħna minn żvilupp żejjed ħalli nipproteġu l-ftit sabiħ li baqgħalna. Il-permess li ħareġ ħdejn it-tempji tal-Ġgantija huwa inaċċettabbli! (Onor. Membri: Hear, hear)

L-istess hemm bżonn nipproteġu l-kampanja ta' pajjiżna. Hemm bżonn investiment serju fl-infrastruttura ta' pajjiżna biex tkampa maż-żieda fil-popolazzjoni. Hemm bżonn li jkollna regoli ċari ta' kif l-Awtorità tat-Turiżmu tonfoq flus il-poplu. Jien nifhem li wieħed irid jitħallielu element ta' spazju fejn jimmanuvra, imma ma nistgħux nibqgħu f'sitwazzjoni li kollox isir wara bibien magħluqa mingħajr trasparenza u sodisfazzjon ta' kif jintnefqu flus il-poplu. Hemm bżonn reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv li jirregola s-settur tat-turiżmu, liema proċess issa ilu pendenti u wieqaf mill-2015.

M'għandux jonqos li jsir eżerċizzju biex nevalwaw permezz ta' kontroll għall-operaturi kummerċjali f'hot spots ta' bijodiversità, bħal bajjiet, sabiex nindirizzaw l-isfidi ta' carrying capacity tal-istess bajjiet. Dan għaliex anke l-bajjiet tagħna għandhom carrying capacity tagħhom. Hemm bżonn li nistudjaw l-effett li pjattaformi, bħal Airbnb, qed ikollhom fuq it-turiżmu u fuq r-residenti sabiex naraw li ma tinħoloqx tensjoni żejda bejn il-bżonnijiet residenzjali u dawk tat-turisti. Qed naraw numru ta' bliet barranin li qegħdin jirregolaw l-Airbnb u fejn dan jista' jsir u kif jista' jsir.

Ikun utli li nidentifikaw u nipprijoritizzaw il-bżonnijiet infrastrutturali sabiex nappoġġjaw l-iżvilupp tal-potenzjal turistiku tal-gżira ta' Għawdex. Kif propost mill-MHRA fil-pre-budget document tagħha, dan għandu jkopri aspett bħall-konnettività aktar ambjentali, trasport aktar effiċjenti, protezzjoni ta' wirt storiku, protezzjoni tal-kosta u l-elevazzjoni tad-dimensjoni rurali u ekoloġika bħala parti integrali tal-esperjenza turistika f'Għawdex. Hemm bżonn li nsibu aktar mezzi li jħajru passiġġiera tal-cruiseliners li jżuru Malta u Għawdex mhux biss għall-ġurnata jew għal nofstanhar imma wkoll biex jonfqu aktar f'pajjiżna.

Jeħtieġ li nintroduċu aktar miżuri sabiex nestendu n-networks ta' konnettività ta' linji tal-ajru minn u lejn Malta biex niddiversifikaw il-linji tal-ajru li jtiru lejn pajjiżna u mhux niddependu fuq linja tal-ajru waħda. Irridu naraw għaliex il-Maltin mhumiex qed jiġu attirati biex jaħdmu fis-settur tat-turiżmu u nindirizzaw din il-problema flimkien mas-settur privat. Irridu naraw kif se nsiru aktar sostenibbli fit-tħaddim tar-riżorsi tagħna u kif l-industrija se jkollha inqas impatt ambjentali, għaliex it-turist qiegħed kulma jmur jimpurtah iżjed mill-ambjent u se jagħmel l-għażliet tiegħu anke b'din il-konsiderazzjoni f'moħħu.

Għandha tingħata aktar enfasi fuq il-green labels li tħaddan l-MTA u fuq l-importanza tat-turiżmu sostenibbli. Hemm bżonn nassiguraw li kull żvilupp ġdid isegwi prattiċi ta' bini ekoloġiku u dawn ikunu fil-kondizzjoni tal-permess tal-iżvilupp. Hemm bżonn li fis-settur tar-ristoranti r-rata tal-VAT tkun bħal dik applikata għal-lukandi li jipprovdu ikel u xorb, kif suġġerit mill-ACE. Għandu jiġi introdott kontemporanjament e-invoicing sabiex tiġi assigurata l-osservanza mal-obbligi tat-taxxa bl-aċċessibbiltà għall-Kummissarju tar-Revenue.

Għal dak li jirrigwarda s-settur tar-ristoranti, ikun ta' siwi wkoll li nikkonsidraw li jkun hemm work regulation order li tapplika kemm għal dawk fil-lukandi kif ukoll għal dawk barra mil-lukandi. Irridu nużaw l-għodda tal-intelliġenza artifiċjali (AI) favur l-industrija tat-turiżmu. Għalhekk l-Awtorità tat-Turiżmu għandha tikkonsidra li tinvesti bis-sħiħ f'dan il-qasam. Irridu jew ma rridux, diġà ħajjitna b'mod jew ieħor qed tiġi affettwata minn din ir-realtà. Għalhekk ikun aħjar li flok ngħumu kontra l-kurrent, nużaw din il-forza favur l-industrija ta' pajjiżna, inkluż it-turiżmu.

Sur President, biex nagħlaq irrid ngħid li din in-naħa tal-Kamra trid li jkollna settur tat-turiżmu li, iva, jipprovdi qligħ ġust għall-investituri u għal pajjiżna, iżda fl-istess ħin għandu jitqies l-interess tal-poplu Malti u jkun sostenibbli. F'dan is-sens nagħlaq bi kwotazzjoni mir-rapport "State of Play of Tourism in the Mediterran" maħruġ mill-Interreg Mediterranean fejn jintqal hekk:

> "Promote sustainable Mediterranean tourism in which visitors and hosts enjoy balanced, respectful and fruitful relationships and value the unique Mediterrean environmental, human and cultural heritage, while ensuring inclusive socio-economic development, taking into account the carrying capacity of healthy natural ecosystems, and developing complementarity between various economic activities at the tourist destination level.".

Ikun ta' għajb jekk il-Gvern jinsa dan kollu u jħares biss lejn in-numri.

Nagħlaq, Sur President, billi ngħid grazzi lill-ħaddiema kollha ta' dan is-settur. Nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema tal-MTA li naf li jagħmlu ħafna xogħol b'risq dan is-settur. Nirringrazzja lill-ħaddiema kollha f'kull livell, mit-taxi drivers għal tour guides, waiters, chefs u kull min jaħdem f'dan is-settur fantastiku li tant jikkontribwixxi għall-ekonomija ta' pajjiżna. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Onor. Mario de Marco, nifhem li se tpoġġi xi dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR MARIO DE MARCO:** Sur President, inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra:

> 19th Malta Attractiveness Survey ippubblikat mill-EY Malta fil-25 ta' Ottubru 2023; u
>
> Artiklu li deher fuq is-sit online *independent.com.mt* fit-22 ta' Settembru, 2022 bl-isem '4.7 million tourists needed to cater for expected increase in number of hotel beds'.

Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, irrid nibda billi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-MTA u l-ħaddiema kollha li b'xi mod jew ieħor imissu mas-settur tat-turiżmu għaliex, kif jgħid il-Malti, mit-turiżmu jiekol kulħadd. Però ma nistgħux nitkellmu biss fuq it-turiżmu u nieqfu hemm, irridu nitkellmu wkoll dwar dawk l-issues u s-setturi li b'xi mod jew ieħor għandhom sehem importanti biex immexxu 'l quddiem il-pakkett turistiku tagħna. Din in-naħa għal numru ta' snin tkellimna dwar il-bżonn li ma nibqgħux nitkellmu biss fuq il-kwantità, mingħajr ma nagħtu l-istess importanza lill-kwalità. Minn hawn insellem il-mibki iżda qatt minsi, l-eks Deputat Robert Arrigo, li ħadem tant b'risq dan is-settur.

Dan huwa l-famuż bilanċ li, sfortunatament, dan il-Gvern jidher li ħarablu minn taħt idejh. Kif tista' titkellem fuq in-numri, li hu tajjeb, però ma titkellimx ukoll fuq il-kwalità! Dan hu dak li ilna ngħidu bħala Oppożizzjoni. Hawn irrid nirringrazzja lill-Onor. Mario de Marco għall-intervent f'waqtu li għamel. L-Onor. de Marco huwa persuna li mess mat-turiżmu, ħadem u ta kontribut f'dan il-qasam. Illum ħadd ma jista' jħares lura u jgħid li l-Onor. de Marco b'xi mod qatt kien f'xi kontroversja jew ma ħadimx fl-interess tat-turiżmu f'pajjiżna. Naħseb li tajjeb li niftakru wkoll minn fejn tlaqna għaliex illum meta nikkwotaw in-numri, kulħadd qed jagħti raġun lill-Oppożizzjoni dwar il-politika li konna nimxu biha, fejn dejjem appellajna sabiex naraw li ntejbu l-kwalità. Illum qegħdin naraw li l-kwalità qed titla' fuq l-aġenda, imma qegħdin tard għax diġà ħallasna prezz.

Tul dawn l-aħħar għaxar snin ma għenx lanqas li ma kienx hemm stabilità fil-Ministeri għat-Turiżmu, fejn nafu li nbidlu ministri, wieħed wara l-ieħor. Dan żgur ma għenx, għaliex tisma' Ministru jitkellem fuq strateġija mod, imbagħad jiġi l-Ministru ta' warajh u jitkellem fuq strateġija differenti. Rajna ħafna strateġiji fuq il-karti. Issa dan mhux qed ngħiduh biss aħna bħala Oppożizzjoni, imma ħafna oħrajn ukoll. Din is-sena qed tiġi ċċelebrata l-175 sena mit-twaqqif tal-Kamra tal-Kummerċ, li qalet lill-Ministru: It is time to fix Malta's image. Ma nistgħux nindirizzaw konferenzi b'ħafna kliem sabiħ sabiex niġu rrapportati fl-aħbarijiet, imbagħad ma nagħtux kas dak li qed jgħidulna l-istakeholders ewlenin. Insemmi l-MHRA li qalet: Better tourism, not bigger tourism. Illum kulħadd qed japprova l-politika tal-Partit Nazzjonalista.

Sur President, kif nistgħu nitkellmu fuq turiżmu jekk għandna infrastruttura f'pajjiżna li mhijiex tlaħħaq mad-domanda? Hawn mhux qed nitkellem fuq il-popolazzjoni li diġà hija enormi u l-fatt li l-pajjiż mhuwiex attrezzat biex nattiraw

dak l-ammont ta' ħaddiema barranin, imma qed nitkellem dwar dak it-turist li jiġi jqatta' ftit ġranet f'pajjiżna u jmur lura b'togħma ħażina. Illum għadna nsibu toroq miftuħin għal diversi xhur. Insemmi, pereżempju, il-Mosta fejn il-bażilika tal-Mosta hija attrazzjoni. Ix-xogħlijiet ilhom għaddejjin għal xhur sħaħ. Għidli int dak it-turist li ġie hawnhekk biex jesperjenza dik il-knisja partikolari x'togħma tajba ħareġ biha minn pajjiżna!

Insemmi l-lokalitajiet tagħna u nistaqsi kemm fil-verità qed issir ħidma bejn il-kunsilli lokali u l-MTA. Tajjeb li l-MTA toħroġ l-iskemi; hekk kien isir qabel u tajjeb li jibqa' jsir hekk, imma mhux biżżejjed li nagħtu l-eluf ta' ewro lill-kunsilli lokali jekk imbagħad fl-istess nifs qed inħallu l-karatteristiċi fil-lokalitajiet tagħna jitgħarrqu. Anke l-MHRA qalet li hemm bżonn li naraw li l-wirt storiku ta' pajjiżna jiġi mħares, għax qed nitilfuh ftit ftit. Hawn nappella lill-ħaddiema tal-MTA: Tgħattux xtur ħaddieħor, Sinjuri tal-MTA, għaliex fl-aħħar mill-aħħar intom kontabbli u responsabbli wkoll għal dak li qed naraw iseħħ fil-lokalitajiet tagħna! Kif jista' jkun li l-MTA flimkien mal-Planning Authority (PA) joħorġu skeda ta' toroq fejn ma jistax isir tħaffir u skavar fix-xhur tas-sajf u mbagħad tkun l-istess MTA li tagħmel ċerti proġetti li jkunu qed jiksru r-regolamenti? Din mhijiex il-kwalità li t-turist jixtieq.

Fl-aħħar mill-aħħar dak hu li jixtieq il-poplu Malti għax, kif għedt, mit-turiżmu jiekol kulħadd. Mhux aċċettabbli li bħala awtoritajiet inkunu aħna li flok qed nagħtu l-eżempju, nippermettu li jinkisru r-regolamenti. B'liema dritt jitħalla li jsir ċertu tip ta' xogħol b'mod indirett mill-MTA? F'żoni turistiċi tara li l-iskavar jibqa' għaddej qisu xejn mhu xejn. Inkella nipprovaw nimmodifikaw ċerti toroq u ngħidu li ċertu xogħol jista' jsir f'parti ta' triq partikolari sabiex naġevolaw lil Ċikku u lil Ġanni biex jibqa' għaddej ix-xogħol fix-xhur tas-sajf! Dawn huma affarijiet li narawhom iseħħu, u hawn mhux qed nitkellem dwar snin ilu. Insemmi, pereżempju, il-lokalità tax-Xemxija fejn b'xi mod induru ma' parti minn triq partikolari u x-xogħol jibqa' għaddej, anke jekk din hija żona turistika. Għalhekk l-infurzar huwa importanti.

L-istess ma nistgħux intejbu l-pakkett turistiku jekk turist jiġi f'pajjiżna u jsib l-għases magħluqin. Meta se naraw li l-MTA tinvolvi ruħha aktar f'dan ir-rigward? Wara kollox, il-Ministri jiltaqgħu bejniethom madwar il-mejda tad-diskussjoni. Mhux aċċettabbli li jibqa' jkollna lokalitajiet f'pajjiżna bl-għases magħluqin. Image-wise qegħdin nibagħtu messaġġ ħażin lit-turisti li jkunu fostna.

Hawn nagħmel aċċenn għal dak li tkellem fuqu l-Onor. de Marco meta semma t-tberbiq tal-flus u n-nuqqas ta' trasparenza. Fl-MTA hemm xi ħaġa ħażina żgur; ħadd mhu jikkontrolla l-infiq bla rażan li baqa' għaddej, *addio* baġit u estimi li ġew approvati minn dan il-Parlament, għax l-infiq baqa' għaddej qisu xejn mhu xejn. Mhux hekk! Irrid nistaqsi min qed jagħti l-pariri lis-Sinjuri tal-MTA biex, pereżempju, isir ċertu nfiq ta' flus fuq sports u mhux ieħor. Il-Bambin biss jaf x'qed jintnefaq għax anke hawn kollox sigriet assolut! Fejn jidħlu timijiet tal-futbol u sports ieħor, min qiegħed jagħti l-pariri li għandna ninvestu ammont ta' miljuni f'ċertu sport partikolari? X'qed nieħdu lura bħala pajjiż? Hawn mhux numri rridu nismigħu, għax bin-numri kulħadd jista' jkabbar u jnaqqas. Rajna artikli u posts fuq *Facebook* dwar kemm dan l-investiment seta' ġġenera għall-ekonomija tagħna, però rridu naraw il-frott effettiv li qiegħed jieħu pajjiżna.

Sur President, insemmi l-baħar u l-bajjiet u nistaqsi: Għad għandna l-istess livell ta' baħar u bajjiet li kellna ftit tas-snin ilu? Jien nieħu gost li nżidu l-bajjiet blue flag u l-bajjiet ta' kwalità. Hawn insellem lill-Onor. Mario de Marco għax kien hu li ħadem biex bdejna nieħdu dan is-settur f'pajjiżna bis-serjetà u nagħtuh ċerta prijorità. Però mhux biżżejjed li naraw il-Ministru għat-Turiżmu jħabbar li għandna aktar bajjiet blue flag, irridu naraw li min hu responsabbli mill-impjanti tad-drenaġġ f'pajjiżna jara li dawn qed jaħdmu tajjeb. X'jiswa li l-Ministru jmur jiftaħ bajja blue flag u mbagħad ftit metri 'l bogħod naraw żona li mhijiex tajba għall-għawm? F'pajjiżna konna niftaħru li aħna u Ċipru għandna l-aqwa baħar fil-Mediterran bi kwalità tajba sena wara l-oħra. Illum nistaqsi: Għadna bl-aqwa kwalità f'dak li għandu x'jaqsam mal-baħar? Id-Dipartiment responsabbli minn żmien għal żmien joħroġ avviżi li l-baħar f'żona partikolari mhux tajjeb għall-għawm.

Hawn irrid nerġa' naċċenna għal dak li qalet il-Kamra tal-Kummerċ li huwa importantissimu li nerġgħu nsibu dawk il-karatteristiċi ta' pajjiżna. Fil-fatt qaltilna: 'Rediscover Malta's uniqueness'. Importanti li s-Sinjuri tal-MTA u l-Ministru jagħtu kas ta' dawn l-appelli. Meta

dawn in-nies li jmissu mat-turiżmu f'pajjiżna qegħdin jiftħulna għajnejna, li f'dan il-pajjiż ma nistgħux nibqgħu sejrin f'din id-direzzjoni, irridu nagħtu kashom.

Qabel ma nagħlaq, Sur President, irrid nerġa' nsemmi l-infrastruttura. Infakkar fil-problema li kellna fis-sajf u nittama fil-ħanin Alla li ma nerġgħux ngħaddu għaxart ijiem u aktar bla dawl. Għidli liema turist telaq b'togħma tajba ta' pajjiżna wara tant ġranet bla dawl? Kellna ngħaddu minn din l-esperjenza għax ma kellniex viżjoni fl-infrastruttura meta konna nafu li qed ikollna ammont ta' nies li qegħdin iżuru pajjiżna, apparti n-numru bla rażan ta' ħaddiema barranin li għandna f'pajjiżna. Bħala Oppożizzjoni ressaqna numru ta' proposti, għaliex jinteressana li kull turist li jirfes l-art tagħna, jekk hux bl-ajru jew bil-baħar, jitlaq minn pajjiżna b'togħma tajba u b'esperjenza sabiħa.

Għalhekk nappella lil dawk li b'xi mod huma involuti biex meta nkunu preżenti f'diversi konferenzi u fejn ikun hemm sponsors mill-MTA, naraw li l-kelliem tal-Oppożizzjoni li għandu x'jikkontribwixxi jkun qiegħed jingħata l-istess spazju kif jingħata ħaddieħor. Qed ngħid dan għaliex qed niltaqgħu ma' ħafna episodji, anke dawk organizzati mill-MTA minn flus il-poplu, bħal sponsors għal konferenzi, fejn il-kelliem tal-Oppożizzjoni ma jingħatax l-istess spazju kif inhu sewwa u xieraq. Infakkar lis-Sinjuri tal-MTA li kull ċenteżmu li qegħdin jonfqu bħala sponsors f'konferenzi simili ġejjin minn flus il-poplu Malti. Għalhekk din in-naħa tal-Kamra għandna dritt li nkunu preżenti u nitkellmu u mhux ikun hemm kondizzjoni mill-isponsor biex dan ma jseħħx. Qed ngħid dan bħala fatt! Mhux qed ngħid li din tkun ġejja direttament mill-MTA, imma nittama li mil-lum tinbeda proċedura ġdida li għal kull konferenza li tkun qed tiġi ffinanzjata mill-MTA, il-kelliem tal-Oppożizzjoni jkun bilqiegħda fejn jistħoqqlu. Hekk sewwa u xieraq għax qed tidħol użanza li fejn jidħol it-turiżmu, imma mhux biss, l-Oppożizzjoni ma tkunx preżenti. Ladarba hawn preżenti uffiċjali tal-MTA rrid nagħmel dan l-appell: Tħallux li tkunu kompliċi ma' xi ħadd li jipprova jsikket jew jagħlaq ħalq l-Oppożizzjoni. Aħna qegħdin hawn biex nikkontribwixxu. Aħna wkoll għandna l-interess ta' pajjiżna li jiġi l-ewwel u qabel kollox. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Julie Zahra.

**ONOR. JULIE ZAHRA:** Sur President, jekk meta ġejt biex nagħmel ir-replika tiegħi fuq l-arti, il-kultura u l-wirt nazzjonali, irrimarkajt li għal dan il-Gvern, Malta ġusta f'dan is-settur tfisser 233 kelma minn 182 paġna fid-Diskors tal-Baġit, illum għandi problema ikbar għax l-industrija tal-films ma tissemma mkien! Irrid ngħid ukoll li m'iniex ċerta jekk f'dan id-diskors għandix nindirizza lill-Onor. Clayton Bartolo li suppost huwa l-Ministru responsabbli mill-industrija tal-films f'pajjiżna jew lill-Kummissarju Johann Grech li jġib ruħu bħala d-*de facto* Ministru ta' din l-industrija! Dan saħansitra għamel indirizz minn fuq Facebook biex jirrispondi għall-ħafna skandli li nkixfu wieħed wara l-ieħor. Issa drajna li jibqgħu jipprovaw ibellgħulna r-ross bil-labra, bħal meta qalulna li l-isptarijiet qegħdin jiffunzjonaw u nefqu €400 miljun u mbagħad sibna l-barumbara tal-ħamiem!

Dan il-Kummissarju jlaqqa' konferenzi stampa, jikkwota l-figuri minn rapport fantażma li jgħid li għamel, u meta ġustament il-ġurnalisti jistaqsuh għal tali rapport, jgħidilhom li ma jistax jippubblikah. Però ħalli nipprova nemmen li l-Ministru Bartolo għad għandu xi forma ta' kontroll fuq il-Kummissarju u l-industrija tal-films u nindirizza lilu ħalli naraw f'din il-Kamra jekk b'dak kollu li ħareġ f'dawn l-aħħar xhur, fejn smajna dwar abbuż wara l-ieħor mill-istess Kummissjoni tal-Films mmexxija mill-Kummissarju Grech, hijiex tassew Malta ġusta għall-industrija tal-films f'pajjiżna.

Sur President, tgħid għaliex l-industrija tal-films ma ssemmiet imkien fid-Diskors tal-Baġit għall-2024? Daqskemm saru konferenzi stampa matul is-sajf li għadda, daqskemm saru attivitajiet, daqskemm rajna lill-Ministru jattendi riċevimenti u ikliet, jitbissem liebes iċ-ċoff! Daqskemm qalilna li din l-industrija qed tagħmel tajjeb għall-ekonomija ta' pajjiżna! Tant hu hekk li l-Kummissjoni tal-Films kienet għamlet kampanja pubbliċitarja kbira biex tħeġġeġ lin-nies jidħlu jaħdmu fiha u jagħżlu, qalulhom, karriera f'din l-industrija. Tajjeb ħafna! Aħna hekk irridu, wara li meta konna fil-gvern kabbarna u sostnejna din l-industrija. Irridu u aħna kommessi li din l-industrija tikber u timraħ, iżda tagħmel dan b'mod ħolistiku u mhux biss għall-interessi tal-Kummissjoni jew tal-Kummissarju.

Saret ħafna propaganda għal film wieħed partikolari biss. Imma issa x'se jiġri minn dawn li qalulhom li għandhom karriera f'din l-industrija? Jew forsi għandhom xi rapport ieħor fantażma li jafu bih huma biss u ma jridux juruh? Dak li mhux qed jaraw hu li kollox huwa short-term. Kollox li jaqbel lilhom! Mhux qed jippjanaw kif din l-industrija tista' tikber u ssostni ruħha fit-tul. Min-naħa l-oħra, din in-naħa tal-Kamra trid strateġija fit-tul ħalli mbagħad inkunu nistgħu verament ngħidu lin-nies biex jagħmlu karriera f'din l-industrija.

Malta ġusta tfisser li tisma' u mhux li tisma' biss fejn jaqbillek jew fejn trid. Lanqas mhi Malta ġusta li l-Kummissarju tal-Films apparentement jiddeċiedi u jiddetta biss meta jmurlek fuq *Facebook* biex jirrispondi għall-kritika li saritlu mill-Oppożizzjoni jew mill-ġurnalisti. Din il-mentalità tal-untouchables f'pajjiżna trid tinqata' darba għal dejjem. Minflok, il-Gvern irid jifhem l-obbligu li għandu lejn kull min b'xi mod jew ieħor, direttament jew indirettament, huwa involut f'dan is-settur li jista' jikber u jimraħ u mhux Johann Grech biss. Jekk il-Ministru ma jemminnix, nistiednu jmur jitkellem direttament ma' min hu involut f'dan is-settur ħalli jara d-dispjaċir u r-rabja ta' kif qegħdin jiġu stmati u ttrattati dawn in-nies minkejja d-dedikazzjoni u x-xogħol kollu tagħhom.

Fejn hi Malta ġusta meta ntnefqu kważi €40,000 għal tliet statwi tad-dinosawri? Fejn hi Malta ġusta meta ntnefqu aktar minn €1.3 miljun għal Malta Film Week? Il-figura eżatta ma nafuhiex, għax ilni nistaqsi lill-Ministru dwar dan, iżda dejjem jgħidli li l-informazzjoni għadha qed tinġabar. Hawn irrid nieħu spunt u ngħid li ma jistax ikun li l-mistoqsijiet parlamentari tal-Oppożizzjoni jibqgħu mhux imwieġba. (Onor. Membri: Hear, hear) Sur President, kif taf tajjeb, il-Parlament iservi bħala istituzzjoni li tagħmel checks and balances fuq il-Gvern, kif jiġri f'pajjiżi oħra demokratiċi. Għalhekk bħala Oppożizzjoni għandna d-dritt u l-obbligu li nistaqsu u n-naħa tal-Gvern għandhom l-obbligu li jwieġbu. Ma jistax ikun aktar li din il-Kamra timxi b'sistema li għal darba, darbtejn, tlieta, u f'dan il-każ tan-nefqa tal-Malta Film Week għas-seba' darba, nibqgħu nirċievu tweġibiet li l-informazzjoni għadha qed tinġabar. Għalhekk nitlob lilek, Sur President, għal xi forma ta' azzjoni dwar kif il-mistoqsijiet parlamentari tagħna jistgħu jiġu mwieġba u mhux niġu ridotti għal sitwazzjoni redikola fejn, għax il-Gvern jemmen li hu untouchable, jibqa' jaħrab milli jwieġeb. Fl-aħħar mill-aħħar il-Gvern qed jgħaddi ż-żmien bl-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna!

Jien m'għandi xejn kontra l-preżentatur Ingliż David Walliams. Imma possibbli jiftaħru tant b'kemm għandna talent lokali, ma kien hemm l-ebda talent ieħor Malti biex jippreżenta l-Malta Film Week?! Kellu jkun preżentatur barrani li ġie jiswa 'l fuq minn €200,000! Meta nistaqsu l-Kummissarju tal-Films dwar dan, mar jiġri jiftaħ kawża l-Qorti biex il-kuntratt ta' David Walliams ma jkunx jista' joħroġ fil-pubbliku. Ara jiġrilhomx bħal ta' Vitals u Steward u l-Qorti tagħtihom xi ċertifikat ieħor! Din hi Malta ġusta li dan il-Gvern qed jipprova jbella' lin-nies? Mela fuq naħa minnhom għandek il-Ministru għall-Finanzi li qed jinkwieta fuq il-kaxxa ta' Malta, u fuq in-naħa l-oħra għandek lil dawn li jonfqulu €200,000 fuq preżentatur għal okkażjoni waħda! Mhux ta' b'xejn li l-Ministru Clyde Caruana ħadilhom il-Creative Malta Fund minn taħt idejhom, li se niġi għaliha aktar tard, għax min jaf it-taħwid kreattiv li għamlu fiha wkoll!

L-istess, għadhom lanqas qalulna x'kienet in-nefqa totali tal-Mediterrane Film Festival. S'issa, is-somma hija stmata li kienet 'il fuq minn €1 miljun, fejn reġa' ġie mistieden David Walliams, għax anke għal dan il-Festival ma kellniex talent Malti f'għajnejhom! Meta staqsejna dwar in-nefqa, qalulna li l-Ministru għadu qed jiġbor l-informazzjoni, miskin! Naħseb tant għandu x'jiġbor li jew tfixkel, jew għejja, għax s'issa għadu ma qalilniex. Inkella sab vroma li qed jipprova jara kif se jgħattiha u jġaħġaħha qabel jiġi hawn quddiemna. Hemm ukoll il-Final Gala Awards Night, imsejjaħ il-'Golden Bee', fejn nikkwota minn artiklu tal-ġurnal *The Times of Malta* li jgħid:

> "Film stars' lavish Malta trips funded by taxpayers: 'Total cost at least €1m'
>
> From business class seats to five-star resorts and chauffeur service, the Mediterranean Film Festival was an extravagant event.".

U l-Ministru Clyde Caruana jinkwieta u jgħidilna li Malta ġusta! Ġusta tassew! Għalihom biss u għal ta' madwarhom!

Ħa nagħti eżempju ieħor, Sur President. Il-ġimgħa l-oħra staqsejt lill-Ministru biex jgħid

kemm tħallset il-kumpanija ta' Ridley Scott biex tinżamm il-produzzjoni fil-Forti Ricasoli minn mindu beda jintuża sal-ġurnata tal-lum. Għal din il-mistoqsija l-Ministru tani verżjoni oħra, ċjoè, li l-informazzjoni ma tistax tingħata għax hija kummerċjalment sensittiva.

Il-Kummissarju tal-Films jippretendi u japprova li pajjiżna għandu jħallas ukoll biex hu jidher fuq rivisti barranin u jwitti t-triq għalih innifsu f'dan is-settur minn flus il-poplu. Pereżempju, fuq Forbes ta intervista ta' 500 kelma li ġiet tiswa lill-poplu €14,000, aktar mill-paga minima ta' persuna li taħdem qatigħ. Forsi kieku kien hemm ritratt ta' Malta jakkumpanja din l-intervista jew ritratt tal-faċilitajiet li noffru għal din l-industrija, konna ngħidu ħadna xi ħaġa bħala pajjiż. Però, le, aktar importanti minn kollox kien wiċċ il-Kummissarju Grech! Din hija l-Malta ġusta li qed jitkellem fuqha l-Gvern għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin?

Infakkar lill-Ministru li kienet il-Malta Producers Association (MPA) stess li talbet l-Uffiċċju tal-Ombudsman għar-riżenja immedjata ta' Johann Grech minn Kummissarju tal-Films minħabba allegazzjonijiet li l-Kummissjoni kienet qed tagħżel b'mod selettiv ċerti kumpaniji lokali biex joffru xogħolhom lill-producers internazzjonali b'esklużjoni ta' oħrajn. Iżda għaliex għal dan il-Gvern xejn mhu xejn, ma ġara xejn! Malta ġusta!

Mhux veru li dan il-Gvern għandu għal qalbu l-produtturi u l-ħaddiema Maltin u Għawdxin f'dan is-settur. Fil-fatt, għas-sena d-dieħla l-Gvern żied l-allokazzjoni minn €600,000 għal €900,000. Nistaqsi: Għalfejn ma ġiex allokat aktar minn din is-somma miżera għal settur daqstant importanti u li jgħidulna li tant jemmnu fil-produtturi ta' pajjiżna u xogħolhom ikun jista' jikkompeti barra minn pajjiżna u jkunu fuq level playing field ma' pajjiżi oħra? Ara mbagħad għal films barranin dan il-Gvern qed jalloka €38 miljun, li jfisser €24 miljun aktar minn dak li kien allokat għal din is-sena. Però xorta marru żmerċ għax għal film wieħed biss iridu jħallsu €47 miljun! Staqsu lill-produtturi ta' pajjiżna u jgħidulek kemm dan il-Gvern mhuwiex qed jalloka biżżejjed fondi għalihom. Jgħidulek ukoll li dan il-Gvern mhux juri r-realtà kollha f'dan is-settur.

Kif diġà tkellimt, naqbel mal-fatt li l-Creative Malta mxiet minn taħt il-Ministeru għat-Turiżmu għal taħt il-Kunsill Malti għall-Arti. Però rrid nerġa' nistaqsi kif se titħaddem din l-iskema. Għalfejn din l-iskema mxiet inkiss inkiss minn ministeru għal ieħor fil-kwiet u fil-ħabi, mingħajr spjegazzjoni? Iħobbu tant jagħmlu konferenzi stampa u jonfqu l-eluf biex jidhru, għal din m'għamlu xejn u ħbewha fid-diskors tal-Baġit! Nistaqsi wkoll: Din l-iskema se tkun miftuħa għall-industrija tal-films? Qed nagħmel din il-mistoqsija għax il-kumpaniji Maltin kollha jinsabu fil-għama.

Niġi issa għal waħda mill-akbar stejjer li kellna tul dan is-sajf, għax meta s-soltu fis-sajf kollox jikkalma, it-taħwid ta' dawn in-nies lanqas fis-sajf ma jieqaf! Anzi, jużaw is-sajf għax jaħsbu li l-poplu huwa aljenat bil-vaganzi u jagħmlu kollox minn taħt. Sirna nafu minn figuri ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-istate aid li l-Kummissjoni Maltija tal-Films ħallset, jew hija obbligata li tħallas, l-ammont globali ta' aktar minn €143 miljun minn fondi pubbliċi f'ħames snin favur diversi benefiċjarji privati. Dan sar bejn is-17 ta' Settembru 2018 u t-8 ta' Awwissu 2023. Però minn dawn, ismagħha din, kważi €137 miljun intnefqu fuq benefiċjarji barranin biss! Kien proprju għalhekk li jien flimkien mal-kollegi tiegħi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tlabna lill-Awditur Ġenerali biex jinvestiga dawn il-€137 miljun.

Tlabnieh ukoll jinvestiga jekk il-Kummissjoni Maltija tal-Films addottatx proċedura ta' skrutinju ta' dokumentazzjoni biex jinħarġu dawn il-pagamenti, jekk din il-proċedura kenitx konformi mal-prinċipji ta' governanza tajba, li jkun stabbilit liema proċedura qed tkun addottata, x'inhuma r-rekwiżiti mill-Kummissjoni biex ikunu approvati dawn il-pagamenti mill-fondi pubbliċi, jekk sarx eżerċizzju ta' diliġenza u studjat ta' x'benefiċċju se jkun qed jieħu lura l-pajjiż għal kull nefqa mill-fondi pubbliċi u li jkun assigurat jekk sarx eżerċizzju ta' skrutinju mill-Ministeru għat-Turiżmu.

Irrid infakkar ukoll li minn dawn il-€137 miljun, madwar €47 miljun sejrin għall-film "Gladiator 2" li ftit xeni biss minnu se jinġibdu f'pajjiżna. Nafu li l-inċentiv tal-cash rebate huwa importanti ħafna għall-industrija tal-films, b'mod speċjali għall-kumpaniji f'pajjiżna. Dak li rridu nkunu nafu huwa fejn marru dawn il-miljuni fl-ekonomija ta' pajjiżna. Li titlob trasparenza u kontabilità dwar infiq pubbliku mhuwiex attakk fuq pajjiżna jew fuq il-ħaddiema f'din l-industrija. L-attakk bdewh in-naħa l-oħra. Il-

Kummissarju tal-Films ma jistax jibqa' jħossu qisu l-ministru u jibqa' jagħmel li jrid! Il-Kummissarju tal-Films, l-ewwel u qabel kollox, għandu obbligu lejn pajjiżu u mhux lejh innifsu.

Il-Gvern jaf tajjeb li dawn il-kumpaniji barranin jippreferu jġibu lill-ħaddiema tagħhom magħhom minn barra u jħaddmu lilhom peress li tiġihom ħafna orħos milli kieku jħaddmu lill-ħaddiema Maltin. Mela ħa nerġa' nistaqsi: Jistgħu jispjegaw fejn hu l-investiment fil-karrieri tal-films f'pajjiżna għall-ħaddiema tagħna Maltin u Għawdxin? Għandhom risposta għal dan, għajr għar-rapporti li meta ntalbu biex jippubblikawhom, irrifjutaw milli jagħmlu dan?! Dik hi t-trasparenza u l-kontabilità mill-flus ta' pajjiżna?! Hawn ukoll għandhom il-wiċċ jgħidulna li Malta ġusta!

Qalulna wkoll li l-cash rebate huwa sostenn ekonomiku għall-edukazzjoni, il-pensjonijiet u l-isptarijiet. Tajjeb kieku dan hu veru. L-appell tiegħi lin-naħa tal-Gvern hu biex jieqfu jigdbu u jgħaddu n-nies biż-żmien! Il-cash rebate huwa sostenn ekonomiku meta fil-qasam tal-edukazzjoni l-iskejjel tagħna qegħdin jibku għall-investiment? Il-cash rebate huwa sostenn ekonomiku meta fil-pensjonijiet l-anzjani li niltaqa' magħhom ta' kuljum jgħiduli li l-pensjoni lanqas twassal sal-aħħar tax-xahar u m'għandhomx biżżejjed flus biex jixtru l-mediċini u l-affarijiet essenzjali?! Dan huwa s-sostenn ekonomiku li qed isemmi l-Gvern? Din hija Malta ġusta għal dan il-Gvern?

Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, qed nerġa' nitlob lill-Ministru biex jippubblika minnufih, jew jippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra, l-istudju fuq il-cash rebate li qalu li għamlu. Jekk jeżisti, wara kollox, m'għandhomx għalfejn jibżgħu! Għandhom jippubblikaw ukoll il-kuntratt ta' David Walliams, in-nefqa tal-films awards, in-nefqa taċ-ċerimonja tal-Golden Bee Award u n-nefqa totali tal-Mediterrane Film Festival. Wara kollox, jgħidu li m'għandhomx minn xiex jibżgħu.

Mela nistieden lill-Ministru li jippubblika minnufih, jew jippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra, dak li qed titlob l-Oppożizzjoni u mhux joqgħod jinħeba wara l-frażi li "l-informazzjoni hija kummerċjalment sensittiva"! Nistaqsi lill-Ministru: Din hija l-politika trasparenti u onesta? Din hija l-Malta ġusta li qed jgħid li jrid? F'liema pajjiż il-Gvern għandu l-fakultà jonfoq dawn il-miljuni kollha minn flus il-poplu, imbagħad bil-wiċċ tost kollu ma jkunx irid jippubblika l-infiq li jkun sar mingħajr kontabbiltà lejn ħadd? Il-Ministru għandu jilqa' t-talba tal-Oppożizzjoni jekk verament m'għandux xi jħammarlu wiċċu u jekk tassew jemmen f'Malta ġusta.

L-Oppożizzjoni dejjem emmnet li pajjiżna jista' u għandu jkun aħjar f'kulma jagħmel u f'kull settur. Pajjiżna għandu l-għaqal li jisfrutta kull opportunità, mhux għall-ftit imma għall-ħafna. F'pajjiżna rridu li inti tasal bil-ħila tiegħek, u fejn taqla' l-flus għax int qed taħdem għalihom. Irridu pajjiż fejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jħarsu lejh bħala verament darhom, dik l-art li fiha jistgħu jwettqu l-aspirazzjonijiet tagħhom, għalihom, għalina u għal xulxin. Irridu pajjiż li ċ-ċokon tagħna ma jxekkilniex, għax aħna poplu bieżel u għandna ħafna x'noffru. Irridu pajjiż li nkunu mill-ġdid kburin li aħna Maltin u Għawdxin, fejn il-ħajja tkun aħjar għal kulħadd, mhux l-inqas fl-industrija tal-films. Bħala Oppożizzjoni għandna s-soluzzjonijiet għal din l-industrija li l-Gvern qed ikompli jkaxkar saqajh fuqha u mhux qed jara x'inhuma l-bżonnijiet veri f'din l-industrija.

Din in-naħa ilna nagħtu s-soluzzjonijiet lill-Gvern għal din l-industrija. Nerġa' nsostni dwar l-importanza li jkollna co-production fund biex verament il-produtturi tal-films Maltin ikunu fuq level playing field ma' kumpaniji barranin u biex b'hekk inkunu qegħdin nassiguraw xogħolhom f'din l-industrija filwaqt li l-fondi li jintnefqu u li jiġu ġġenerati jagħmlu tajjeb għall-ekonomija Maltija. Irridu infrastruttura fejn kulħadd ikollu l-istess dritt biex jibbenefika minn din l-industrija u mhux wieħed jibbenefika b'esklużjoni tal-ieħor. Irridu għajnuna, rikonoxximent u viżibilità akbar għal dawk li jaħdmu l-films f'pajjiżna u għall-produzzjonijiet tagħhom. Irridu sistema ta' cash rebate sostenibbli fejn il-mod ta' kif titħaddem jinbidel u filwaqt li tibqa' tkun vijabbli u applikabbli permezz ta' konsultazzjoni u diskussjoni mal-partijiet kollha involuti, ikollha limitu ħalli ma jerġax ikollna sitwazzjoni fejn film wieħed biss jieħu €47 miljun u l-oħrajn jispiċċaw b'xejn!

Irridu naraw aktar taħriġ fl-iskejjel, aktar rikonoxximent lil din l-industrija, u think tank bejn l-Istat u l-privat sabiex naħdmu flimkien ħalli verament tissaħħaħ din l-industrija. Din hija Malta ġusta. Biex verament ikollna Malta ġusta, minn din in-naħa tal-Kamra qed ninsistu li minħabba l-fatt li x-xogħol tal-persuni li jaħdmu

fl-industrija tal-films f'pajjiżna jirrikjedi bżonnijiet partikolari u mhux xi xogħol li jsegwi xejriet standard bħal ħafna impjiegi oħra, għandha tiddaħħal il-Work Regulation Order għal dan is-settur li tissalvagwardja u ssaħħaħ aktar il-ħaddiema fil-creative businesses, filwaqt li tiżgura li d-drittijiet tagħhom ikunu protetti u jiġu evitati kull tip ta' lakuni li jeżistu bħalissa. Biex ikollna Malta ġusta anke fl-industrija tal-films, l-Oppożizzjoni temmen fit-trasparenza, fl-inklużjoni, f'xogħol garantit lill-ħaddiema Maltin, f'inċentivi lil min ħaqqu u f'sostenn lejn il-ħaddiema kollha f'dan is-settur.

Sur President, din hija l-viżjoni ta' ekonomija ta' eċċellenza għall-poplu Malti u Għawdxi kollu li jrid il-Partit Nazzjonalista. Meta qed naraw li dan il-Baġit ma jindirizza xejn minn dan kollu, l-Oppożizzjoni hija xempju ta' tama u forza tal-bidla li toffri viżjoni għal ħajja aħjar. Aħna rridu l-investiment, mhux id-dejn, kif għamlu n-naħa tal-Gvern, għax iddeċidew li jiffangaw u ma jimpurtahomx mill-pajjiż. Din l-industrija tista' tkun tassew waħda mill-pilastri ekonomiċi ewlenin ta' pajjiżna u għalhekk hi parti mill-viżjoni ekonomika ta' eċċellenza tagħna. L-Oppożizzjoni hija differenti. Aħna ma rridux li f'pajjiżna jibqa' jinħoloq ambjent fejn niesu jibqgħu jiddibattu skandlu wara l-ieħor, iżda rridu ambjent li joffri opportunitajiet għal kulħadd, fejn nistgħu nwettqu l-ħolm tagħna għax l-Istat jipprovdi s-sostenn, l-għajnuna u l-ambjent fejn jirbħu biss il-Maltin u l-Għawdxin. Imbagħad Malta tkun verament ġusta! Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear).

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Stanley Zammit.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, nixtieq nibda billi nuri l-apprezzament tiegħi għax-xogħol importanti li kull persuna fid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni tagħmel b'risq pajjiżna. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-pubbliku li b'mod ġenerali jikkopera, lil dawk li jużaw l-app ta' Clean Malta, lit-taqsimiet tal-infurzar fid-diversi entitajiet, lill-voluntiera li jagħmlu t-tindif u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-kontribut tagħhom biex ikollna pajjiż sabiħ u nadif. Ħasra meta dawn l-isforzi kollha jkunu għalxejn għax xi kriminali ambjentali għadhom iħossuhom li jistgħu jagħmlu li jridu.

Din id-Diviżjoni mhijiex waħda żgħira. Fil-fatt, aktar minn tliet kwarti ta' €17.6 miljun ivvotati għall-Ministeru għat-Turiżmu jmorru għall-personnel f'din id-Diviżjoni. Dan ipoġġi responsabbiltà akbar fuq il-ħaddiema biex jagħtu l-ħin tax-xogħol tagħhom b'mod sew, imma, mhux biss, ipoġġi wkoll responsabbiltà fuqna, il-pubbliku, li naraw li t-taxxi tagħna ma jinħlewx biex jitnaddaf dak li nkunu ħammiġna.

Napprezza ż-żieda fl-investiment fl-apparat u l-makkinarju, imma rrid ngħid li €1,300 ivvotati għat-taħriġ huwa ammont redikolu. Nappella li jkun hemm investiment ikbar f'dawn il-ħaddiema f'dak li għandu x'jaqsam mal-ospitalità, is-saħħa u s-sigurtà u anke t-teknoloġija. Madankollu, minkejja dawn l-ispejjeż u l-isforzi kollha, għad għandna sitwazzjoni ta' ħmieġ u telqa mal-pajjiż kollu, xi ħaġa li lkoll nesperjenzaw ta' kuljum. Ilkoll kemm aħna f'din il-Kamra jkollna ilmenti dwar ħmieġ u telqa, skart, storbju, trabijiet, żdingar, ġrieden u insetti, bajjiet imniġġsa, skart u imbarazz fuq il-bankini u f'postijiet oħra u arja tqila.

L-Onor. Paula Mifsud Bonnici esprimiet miegħi dak li jgħidulha r-residenti tal-Belt Valletta li għall-upkeep tagħha hemm ivvotati €310,000. Ir-residenti Beltin iħossu li ntilfet l-identità u l-kburija fil-Belt Valletta minħabba l-ħmieġ u t-telqa. Is-Slimiżi ħarġu jipprotestaw bil-kartelluni jgħidu "Sliema Garbage Town" u "Waste Collection: One Huge Mess"! F'San Pawl il-Baħar, Birżebbuġa, Birkirkara u tant lokalitajiet oħra n-nies ilhom ibatu minn din it-telqa.

It-tweġiba tal-Gvern tal-Onor. Robert Abela għal dan kollu hija biex niffriżaw l-iskart organiku. Il-Gvern Laburista huwa supperv u ma jridx jifhem li l-politika ekonomika bbażata fuq il-kwantità kif ukoll fuq in-nuqqas serju ta' ppjanar faqgħu l-infrastrutturi ta' pajjiżna, inkluż dawk tal-indafa pubblika u l-immaniġġjar tal-iskart. Nistaqsi: Kemm u x'jiflaħ pajjiżna? Għaliex il-Gvern għadu qed jostor l-istudju dwar il-carrying capacity? Meta se jitfassal pjan ħolistiku biex tinħoloq sinkronija bejn dak li jrid u jiflaħ pajjiżna, il-popolazzjoni u l-infrastruttura meħtieġa?

Is-sitwazzjoni marret mill-ħażin għall-agħar wara l-iskema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart, li ma taħsibx għall-kobor żejjed u d-diversità tal-popolazzjoni. Jekk nieħdu l-infurzar, l-Environment and Resources Authority (ERA) għandha tagħha, il-

LESA wkoll. Għandna l-Pulizija, tas-Sanità, tal-Malta Tourism Authority (MTA) u tal-Building and Construction Authority (BCA). Però mbagħad ir-reati ambjentali qishom jaqgħu taħt kulħadd u ma jaqgħu taħt ħadd! Jeħtieġ koperazzjoni u kollaborazzjoni ikbar bejn entitajiet, awtoritajiet u aġenziji governattivi li jiffunzjonaw b'mod sabiex fejn uffiċjal ta' entità jara li dak ir-reat partikolari ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità tiegħu, ir-rapport jgħaddi għand l-awtorità responsabbli b'mod awtomatiku. Jeħtieġ ukoll aktar investiment fit-teknoloġija. Pereżempju, jekk xi ħadd jirrapporta dwar radam, permezz tal-app ta' Clean Malta, dak l-ilment għandu jmur awtomatikament għand l-ERA. L-istess jgħodd għall-awtoritajiet l-oħra.

Ir-riforma tal-kunsilli lokali f'dak li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar tal-iskart u l-indafa falliet ukoll. Illum il-kunsilli huma xotti mill-għodda u mir-riżorsi, u tant qatgħu qalbhom li qegħdin jitolbu l-interventi ta' din id-Diviżjoni. Permezz tal-Onor. Darren Carabott, bħala Oppożizzjoni ressaqna numru ta' proposti li jinkludu li tiżdied il-frekwenza tal-ġbir tal-iskart, li tinħoloq sistema ta' kordinament bejn il-kunsilli u l-amministraturi tal-blokok tal-appartamenti, li jiġu identifikati hot spots biex ikun hemm aktar focus fejn hemm bżonn l-infurzar, u li l-kunsilli lokali jerġgħu jkunu responsabbli mill-ġbir tal-iskart u jingħataw ir-riżorsi, inkluż dawk finanzjarji, sabiex itejbu s-sistema u jinfurzawha.

Pajjiżna sar sit wieħed ta' kostruzzjoni. Għalhekk jeħtieġ iżjed infurzar bis-serjetà u kontinwu dwar il-ħinijiet u l-ġranet tax-xogħlijiet, dwar it-trabijiet, dwar l-istorbju u dwar l-iskart tal-kostruzzjoni. L-avviżi legali huma tajbin, imma mhumiex biżżejjed waħedhom. X'tiswa n-nefqa fir-reklamar biex imbagħad aħna u t-turisti nsibu pajjiż maħmuġ u mitluq, inkluż l-ibħra tagħna? X'jiswew dawn l-ispejjeż meta ma tistax tieħu lil uliedek għal passiġġata fil-kampanja u ma tarax gzuz ta' terrapien, landi taż-żebgħa, biċċiet tal-madum u mitt ħaġa oħra. Jekk is-servizzi offruti jeħtieġu li jiġu mtejba, m'hemm l-ebda skuża li wieħed jarmi kull fejn u meta jfettilu. L-indafa tagħti valur akbar lill-prodott turistiku tagħna, lil-lokalitajiet u lill-inħawi mwarrba li tant huma sbieħ.

Malta sabiħa u nadifa hija l-ambjent li jilqagħna meta noħorġu minn djarna. Malta sabiħa u nadifa hija l-aqwa reklam li nistgħu nagħmlu għat-tisħiħ ta' dan is-settur tant kruċjali għal pajjiżna. Għalhekk jeħtieġ sforz ħafna akbar ikkordinat u integrat biex flimkien nagħmlu ambjent li jixirqilna u ntejbu l-kwalità tal-ħajja tagħna f'pajjiżna. Wara kollox, bħalma jgħid id-dokument li ħareġ il-Partit Nazzjonalista, l-ambjent huwa dritt fundamentali tagħna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON (Onor. Michael Farrugia):** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għan-naħa tal-Oppożizzjoni. Il-ħin kollu li fadal huwa għan-naħa tal-Gvern. Aktar rimarki. L-Onor. Ray Abela.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, insellem lill-Membri tal-Oppożizzjoni li tkellmu fuq dan is-settur tat-turiżmu u nibda biex nirribatti għal xi kummenti li smajt. Nibda biex nitkellem fuq dak li qal l-Onor. Robert Cutajar, fuq il-Ministru ta' Gvern Nazzjonalista fl-2012, fuq minn fejn tlaqna bħala ammont ta' turisti li kellna fl-2013 u li nirrikonoxxi wkoll ix-xogħol li sar minn Gvern preċedenti. Għaliex le? Jien persuna li nirrikonoxxi x-xogħol tajjeb li sar, imma rridu nkunu diċenti wkoll u nitkellmu favur ix-xogħol li qed jagħmel dan il-Gvern f'dan il-qasam immexxi mill-Ministru Clayton Bartolo. Din is-sena l-ammont ta' turisti li se jkunu rifsu pajjiżna se jkun qed imiss it-3 miljuni, li huwa aktar mid-doppju ta' dak li kellna fl-2012. Għalhekk huwa importanti li f'dan il-Parlament nitkellmu fuq dawn il-figuri u nirrikonoxxu l-ħidma li qed issir mill-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kollha fi ħdan il-Gvern biex immexxu dan id-dekasteru 'l quddiem.

It-turiżmu għandu rwol kruċjali fl-ekonomija ta' Malta billi jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal diversi setturi u jrawwem u jkabbar l-iżvilupp ekonomiku. It-turiżmu huwa wieħed mill-akbar kontributuri għall-prodott domestiku gross ta' pajjiżna. Id-dħul iġġenerat mill-attivitajiet turistiċi, inkluż l-akkomodazzjoni, l-ikel, it-trasport u l-attivitajiet rikreattivi, isaħħaħ b'mod sinifikanti l-produzzjoni ekonomika f'pajjiżna. Pajjiżna għandu wirt storiku u kulturali rikk ħafna, flimkien ma' klima pjaċevoli. Dan jagħmilna destinazzjoni attraenti għat-turisti. F'dawn l-aħħar snin iddiversifikajna dan is-settur b'numru ta' niċeċ ġodda. Hekk ħloqna aktar reżiljenza ekonomika fis-settur waqt li fl-istess ħin rajna żieda f'kull indikatur fit-turiżmu.

Is-settur turistiku jibqa' bla dubju sors ewlieni tal-impjiegi f'diversi oqsma bħall-ospitalità, is-servizzi tal-ivvjaġġar, id-divertiment u t-trasport. Dan jikkontribwixxi biex jitnaqqas il-qgħad u jipprovdi l-għajxien tal-familji Maltin u Għawdxin. Dan is-settur ikkontribwixxa mhux biss sabiex illum għandna livell rekord ta' nuqqas ta' qgħad, imma qed joħloq ukoll opportunitajiet għall-impjiegi part-time. Dan l-aħħar smajna fuq is-suċċess mhux biss tal-kwantità ta' turisti li qed iżuru pajjiżna, imma anke dwar in-nefqa li l-istess turisti qed jagħmlu f'pajjiżna. Nistgħu ma nkunux sodisfatti b'dak li qegħdin nakkwistaw meta fix-xahar ta' Settembru li għadda biss it-turisti nefqu xejn inqas minn €310 miljun li ntefgħu fl-ekonomija ta' pajjiżna! Dawn ir-riżultati qegħdin juruna progress sostanzjali lejn aktar turisti ta' kwalità, li jonfqu aktar waqt li jkunu f'pajjiżna. Tajjeb ngħidu li dan ifisser madwar €1,000 f'nefqa li qed jagħmel kull turist li jżur pajjiżna.

Żgur li assoċjazzjonijiet bħall-Malta Hotels and Restaurants Assocation (MHRA) u oħrajn li jirrappreżentaw dan il-qasam tal-ospitalità, jiġifieri l-lukandiera, ir-restoranti u kull negozju ieħor li jipprovdi prodotti u servizzi lit-turist, qegħdin japprezzaw u jifhmu l-impenn ta' dan il-Gvern fl-investiment biex nattiraw aktar turisti ta' kwalità lejn pajjiżna. Din hija katina, fejn aktar kemm kapaċi nkomplu nattiraw turisti ta' kwalità aktar inkunu qegħdin immexxu lil dan is-settur ekonomiku 'l quddiem.

F'dawn l-aħħar snin rajna żieda sostanzjali minn turiżmu lejn pajjiżna ġġenerat mill-industriji tal-entertainment u l-konferenzi. Malta ospitat diversi avvenimenti u festivals matul is-sena, fosthom ċelebrazzjonijiet kulturali, festivals tal-mużika u avvenimenti oħra li jikkontribwixxu għax-xena tat-turiżmu aktar mifrux u vibranti. Fuq livell internazzjonali, il-kunċerti ta' André Rieu, MTV u Robbie Williams attiraw attendenzi sinifikanti ta' turisti. Dawn it-tip ta' avvenimenti huma investiment fil-promozzjoni ta' pajjiżna sabiex ikompli jattira aktar ġenerazzjonijiet ta' turisti differenti fuq artna. Għalhekk huwa importanti li nkomplu ninvestu biex nesponu lil pajjiżna fuq livell internazzjonali. Jien inħobb nitkellem ħafna fuq it-taħlita f'dak li nagħmlu, fejn aktar ma jkollok dħul minn diversi niċeċ ta' negozju, aktar ikollok reżiljenza fin-negozju tiegħek. L-istess japplika fil-qafas tal-Gvern u d-dekasteri li jaqgħu taħtu.

Fil-jiem li għaddew pajjiżna ospita konferenzi kbar internazzjonali bħall-Med-Tech u s-SiGMA. Dawn huma kumpaniji parteċipanti b'baġit ta' nfiq kbir li żgur iħalli impatt fuq in-negozji Maltin u Għawdxin. Rajna kif SiGMA attirat aktar minn 25,000 turist f'temp ta' tlett ijiem. Forsi hawnhekk nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-organizzaturi ta' dawn it-tip ta' avvenimenti sabiex, għal darb'oħra, jippjanaw aktar bil-għaqal f'dak li għandu x'jaqsam mal-loġistika. B'hekk, l-impatt ta' tali avvenimenti, speċjalment fuq it-toroq, ikun wieħed minimu. Però rridu nkomplu mexjin f'din id-direzzjoni.

L-istorja rikka ta' Malta, it-tempji antiki, il-bliet medjevali u s-siti ta' wirt dinji tal-UNESCO jagħmluna destinazzjoni kulturali unika. It-turisti li jinġiebu jesploraw it-teżori storiċi u arkitettoniċi tal-gżira jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni u l-għarfien kulturali. Nafu wkoll bl-iżvilupp ekonomiku li rnexxielna nżewqu mal-istorja. Hawn qed nitkellem fuq il-Belt Valletta. Hawn min jikkritikana, imma l-port uniku tagħna, is-swar tal-Belt u l-kultura li hija mżejna biha l-belt kapitali tagħna, li hi wkoll mogħnija u mżewqa mil-lat kummerċjali u ta' divertiment, jagħmlu l-belt kapitali unika, li toffri dak kollu li t-turist ikun qed ifittex.

Investejna bis-sħiħ fl-aċċessibbiltà bejn Tas-Sliema u l-Belt Valletta u t-tlett ibliet fil-Kottonera u l-Belt Valletta, kif ukoll investejna aktar sabiex il-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna jkunu aktar aċċessibbli mit-turisti waqt li jkunu fuq btala f'pajjiżna. L-aqwa staġun turistiku f'pajjiżna jibqa' dejjem is-sajf minħabba li l-klima u l-ilmijiet ċari fil-bajjiet tagħna jagħmlu lil Malta attrazzjoni għat-turisti li jfittxu sbuħija naturali.

Insemmi l-industrija tal-cruiseliners. Il-post strateġiku ta' Malta fil-Mediterran jagħmilha waqfa popolari għall-cruiseliners. Dan huwa komponent sinifikanti biex viżitaturi jesploraw il-gżira waqt il-waqfiet tagħhom. Bħala Gvern ħadna ħsieb li ninvestu fil-port tagħna biex ikollna terminal tal-ogħla kwalità, li jipprovdi aktar servizzi lill-vapuri b'inqas effett fuq l-ambjent. Hawn qed nirreferi għall-proġett tax-shore-to-ship li qegħdin immexxu 'l quddiem.

Rajna wkoll investiment fl-akkomodazzjoni. F'dawn l-aħħar snin rajna żieda ta' akkomodazzjonijiet differenti f'pajjiżna. L-impenn tal-Gvern hu li jagħti importanza lill-

qasam turistiku. Fil-fatt, tajna għajnuna mhux biss waqt il-pandemija imma wkoll wara għal aktar investiment mill-privat. Rajna żieda sostanzjali fil-bednights. Illum hemm aktar kwalità offruta mhux biss fil-luxury accommodation fil-4 u l-5 star resorts u hotels, imma anke f'firxa kbira ta' guesthouses u boutique hotels madwar pajjiżna li jappellaw għal preferenzi differenti, minn turisti lussużi għal dawk li jfittxu aktar għażliet favur il-baġit tagħhom. Dan kollu jkompli jgħolli l-kwalità tat-turiżmu f'pajjiżna kif ukoll isaħħaħ firxa akbar ta' turisti li Malta għandha bżonn.

Ladarba t-turiżmu qed jikber, se jkollna bżonn ninvestu aktar fl-infrastruttura ta' pajjiżna biex nilqgħu għal dan il-progress ekonomiku. Hawn min jixtieq li nibqgħu bl-istess figuri li kellna fl-2012 u nreġġgħu l-arloġġ lura. Iżda, le, aħna Gvern progressiv, li rridu noħolqu l-progress u l-ġid u ndaħħlu l-fiduċja fl-ekonomija tagħna u fil-poplu ħalli nkomplu ngħixu f'dan il-pajjiż fi prosperità.

Bħala Gvern dejjem rajna kif mill-progress noħolqu l-ġid sabiex imbagħad ngħadduh lill-poplu ħalli nkomplu ngħinu lill-batut, il-vulnerabbli u, wisq iżjed, inkomplu ntellgħu 'l fuq il-middle class. It-turiżmu kkontribwixxa għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura, inkluż l-ajruport, it-toroq u s-servizzi. Dan kollu jappoġġja l-influss bla xkiel ta' turiżmu u jsaħħaħ l-esperjenza ġenerali tal-ivvjaġġar f'pajjiżna.

Insemmi wkoll id-diversifikazzjoni. Kemm huwa importanti li nkomplu niddiversifikaw is-settur turistiku u noħolqu niċeċ ġodda sabiex inkomplu nkabbru dan is-settur f'pajjiżna. Wieħed mis-setturi li rridu nkomplu ninvestu fih huwa l-faith tourism li hija niċċa ġdida. Huwa opportun li nkomplu nippromwovu l-festi tradizzjonali fl-irħula tagħna, il-baned, in-nar, kif ukoll il-pageants fit-toroq tagħna waqt il-Ġimgħa Mqaddsa. Fattur li kien strateġiku fis-suċċess ta' dan is-settur u anke f'ħafna setturi oħra kien l-investiment fl-infrastruttura u t-trasformazzjoni diġitali.

Bħal ħafna destinazzjonijiet oħra, Malta tħaddan it-teknoloġija diġitali biex ittejjeb l-esperejnza turistika. Pjattaformi diġitali jipprovdu informazzjoni, servizzi, prenotazzjonijiet u tours virtwali. Ħafna entitajiet qegħdin jinvestu bis-sħiħ fil-virtual reality, bħalma sar f'Dar il-Mediterran. Visitmalta.com hija pjattaforma li kemm il-Ministeru għat-Turiżmu kif ukoll l-MTA investew bis-sħiħ fiha. Investiment fl-aqwa teknoloġija u għodod jiggarantixxi li min juża l-app u s-sit jibqa' jiġi segwit. Dan jinvolvi impenn finanzjarju sabiex il-brand tagħna kif ukoll visitmalta.com ikollhom l-aqwa pubbliċità fil-fora internazzjonali.

Hawnhekk huwa importanti li mmorru lil hinn mit-teknoloġija diġitali u nħarsu lejn l-artificial intelligence (AI). Din tista' tgħinna biex inkomplu nagħmlu suċċess fil-figuri li qegħdin nakkwistaw fil-qasam tat-turiżmu u jkollna aktar informazzjoni diretta fuq ix-xejriet tat-turist mal-informazzjoni li diġà għandna.

Nifraħ lill-MTA – illum hawn preżenti magħna s-CEO Carlo Micallef u l-uffiċjali tal-MTA - għall-kuntratti li rnexxielhom jakkwistaw ma' sponsors u partners ta' fama internazzjonali fil-kamp sportiv u dak tad-divertiment. Din il-mix importanti tassigura aktar viżibilità għal pajjiżna.

Bħal meta tkun qed tmexxi negozju, l-istess f'dan is-settur, bla flus ma ġġibx flus. Għalhekk huwa importanti li nibqgħu ninvestu f'dan is-settur. Dan biżżejjed? Bħala pajjiż jeħtieġ li dejjem naraw kif se ntejbu u ngħollu l-ħiliet tal-ħaddiema fis-settur turistiku sabiex inkunu fuq quddiem nett fl-aqwa servizz għall-klijentela tagħna. Minn hawnhekk irrid nifraħ lill-Institute of Tourism Studies (ITS) għall-impenn kbir li qed jagħti lil pajjiżna fil-qasam tat-taħriġ akkademiku u anke dak prattiku għall-istudenti Maltin u barranin. L-ITS joffri anke scholarships f'lukandi barra minn Malta sabiex l-istudenti jieħdu aktar esperjenza mżewqa mat-tagħlim professjonali li jieħdu mill-istess Institute. Hawn irrid nifraħ lill-management tal-ITS - magħna hawn ukoll is-CEO Pierre Fenech - u lill-għalliema kollha li jifformaw parti minn dan l-Istitut importanti f'pajjiżna. Nemmen li għandna nużaw l-eżempju tal-ITS sabiex dan il-mudell nirreplikawh fis-setturi tal-ekonomija tagħna sabiex intejbu aktar il-ħiliet. Meta jkollok il-ħiliet u t-taħriġ, se żżid il-produttività f'dak li toffri.

Hawnhekk irrid insemmi l-pass 'il quddiem li għamilna bħala Gvern, Ministeru, l-ITS u l-MTA sabiex ikollna aktar ħaddiema ta' kwalità u kwalifikati b'ċertifikati rikonoxxuti f'pajjiżna. Irridu ħaddiema, mhux biss Maltin imma anke barranin, li mhux biss ikunu kwalifikati fil-ħiliet bażiċi u neċessarji, imma jkunu anke kapaċi jintegraw f'pajjiżna u jikkomunikaw tajjeb mat-

turist. Għalhekk, bħalma għamilna fil-qasam tal-kostruzzjoni, anke f'dan is-settur tal-ospitalità qed nagħtu l-importanza lis-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Qed naraw ukoll li ċerti suġġetti jridu jkunu prerekwiżiti biex wieħed jaħdem f'dan il-qasam. Hawnhekk insemmi l-komunikazzjoni bl-Ingliż, l-għarfien dwar il-kultura u l-istorja ta' Malta, il-customer care, l-importanza ta' kif wieħed jaġixxi u jaqdi lill-klijent, l-iġjene fuq il-post tax-xogħol u l-imġiba waqt li wieħed ikun qed iservi lill-klijent.

Ma nistgħux inħallu s-suq tax-xogħol isuq għal riħu mingħajr kontroll fuq il-kwalità tal-ħaddiema. L-istrateġija u l-pjan ċar tal-ITS iħares li jkun hemm saffi differenti ta' skill cards, u skont il-card li għandek tkun tista' taħdem. Ħaddiem prospett li japplika biex jiġi jaħdem f'dan is-settur f'Malta jrid l-ewwel jgħaddi minn dawn il-kriterji sabiex jingħatalu l-permess biex jgħix u jaħdem f'Malta. Ħaddiema eżistenti fis-settur iridu wkoll jgħaddu minn dan il-proċess ħalli nassiguraw li r-riżorsa umana fis-settur tkun adattata għal dan is-settur. Għall-ħaddiema li ilhom jaħdmu fis-settur u li għandhom l-esperjenza jeżisti mekkaniżmu li jista' jintuża, bħar-Recognition of Prior Learning (RPL) jew il-Validation of non-Formal and Informal Learning (VNFL) li jiċċertifika l-ħaddiem waqt il-ħidma u jirrikonoxxi l-esperjenza tiegħu. Dan huwa l-pass 'il quddiem f'numru ta' setturi oħra sabiex inkomplu nkabbru l-ekonomija tagħna fuq kompetenza u ħiliet ta' suċċess. L-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess. Għalhekk bħala pajjiż irridu nkunu kuraġġużi u nkomplu ninvestu fuq reskilling u upskilling.

Ma nistax nagħlaq dan l-intervent mingħajr ma nirreferi għax-xogħol impekkabbli li qegħdin jagħmlu d-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni kif ukoll il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi. Magħna qed nara lis-Sur Ramon Deguara u lis-Sa Denise Vella u uffiċjali oħra minn dawn l-entitajiet, li speċjalment matul ix-xhur tas-sajf nikkordina magħhom u xi kultant niffittahom ukoll sabiex ikollna aktar bajjiet u lokalitajiet organizzati, aċċessibbli u nodfa. Fil-każ tiegħi, li ġej min-naħa t'Isfel ta' Malta, nitkellmu ta' spiss fuq San Tumas, Wied il-Għajn u Marsaxlokk. Irrid nirringrazzjahom tal-ħidma kollettiva tagħhom.

Fl-aħħar u mhux l-inqas insemmi l-Malta Film Commission u lill-Kummissarju Johann Grech għall-impenn li qiegħed juri. Personalment nemmen f'dan il-qasam u rridu nkomplu naħdmu biex narawh jikber u jattira aktar interess, bħalma diġà qiegħed jattira blockbuster movies kbar b'diretturi u atturi bħal Ridley Scott u Russell Crowe. Dawn huma l-opportunitajiet li rridu nkomplu ninvestu fihom għal pajjiżna. L-industrija tal-films hija niċċa ekonomika oħra li se tkun qed tagħti sodisfazzjoni kbir lil pajjiżna għal Malta ta' għada.

Sur President, din kienet ħarsa lejn ix-xogħol u l-impenn li qiegħed isir mill-Gvern fil-qasam turistiku ħalli dan is-settur jibqa' wieħed mill-muturi ewlenin fil-ħolqien tal-ġid u x-xogħol f'pajjiżna. Il-progress ma jiġix mix-xejn, imma jiġi bil-ħidma, bil-viżjoni u l-investiment sostenibbli li nagħmlu bħala Gvern. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Insejjaħ issa lill-Ministru Clayton Bartolo.

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Sur President, it-turiżmu jfisser il-ħajja għal eluf ta' Maltin u Għawdxin. B'mod dirett jew indirett, il-maġġoranza assoluta tal-poplu tagħna tmiss ma' din l-industrija. Kif dejjem ngħidu, mit-turiżmu verament jiekol kulħadd. Dan kien l-ewwel settur post-kolonjali li għen lil Malta toħroġ mill-perjodu tal-gwerra fejn bdiet tiddiversifika l-ekonomija tagħha u llum huwa fost il-pilastri ekonomiċi ewlenin ta' pajjiżna. Din hija l-industrija tan-nies, li tagħtik sodisfazzjon. Jien wieħed minn dawk, bħal ħafna, li matul is-snin ħdimt f'din l-industrija.

Ovvjament, trid taħdem fil-festi pubbliċi, fil-Milied, fl-Għid, fil-Mother's day, fil-Father's day u fis-sħana tas-sajf u, iva, trid tiċċaħħad ukoll minn mal-familja, għax il-ħinijiet li wieħed jaħdem mhumiex faċli. Però meta quddiemek għandek persuna Maltija, Għawdxija jew ġejja minn pajjiż ieħor li tkun tajtha servizz tajjeb u tkun ħallejt esperjenza pożittiva fil-ħajja tagħha, hemmhekk tkun kburi li taħdem f'din l-industrija. Jekk inti waiter, taħdem fil-kċina, bartender, gwida jew taxi driver, dejjem hemm is-sodisfazzjon li qed tagħti servizz. Din hi l-industrija li tlaqqgħek man-nies u li kapaċi tagħtik is-sodisfazzjon għal dak is-servizz li qed tagħti.

Sur President, xi tkun Malta mingħajr it-turiżmu? Tkun gżira b'inqas ħajja f'nofs ta' baħar. Illum smajna ħafna dwar din l-industrija. Għal darba

oħra smajna l-istess rettorika mill-istess nies ibbażata fuq dikjarazzjonijiet negattivi, politika ta' dwejjaq u partiġġjana, mingħajr ebda bażi u, fuq kollox, nieqsa mill-konsistenza, mill-kredibilità u mill-kredenzjali li għandhom uħud mill-membri tal-Oppożizzjoni biex jitkellmu fuq dan is-settur.

Iżda lil hinn minn dan kollu, x'inhu l-punt li ħadd ma jista' jinnega, Sur President? Jgħidu x'jgħidu u jattakkaw kemm jattakkaw il-membri tal-Oppożizzjoni, ir-riżultati qegħdin juru li t-turiżmu sejjer tajjeb u qiegħed jirreġistra livelli rekord, xahar wara l-ieħor. Sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena, ir-riżultati uffiċjali qed juru li ġew f'pajjiżna 2,300,000 turist. Meta wieħed iqabbel l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena mal-ewwel disa' xhur tal-2019, li kienet meqjusa bħala sena rekord għat-turiżmu, diġà ġew f'pajjiżna 150,000 aktar turisti. B'mod sinifikattiv, huwa tajjeb li qegħdin nirreġistraw żieda fin-numru tat-turisti, però korrispettivament ma' dan hemm ukoll żieda fl-iljieli mqatta' f'pajjiżna, u l-aktar ħaġa sinifikanti hija ż-żieda fin-nefqa tat-turisti f'pajjiżna. Sa Settembru 2023, in-nefqa kienet qabżet it-€2.1 biljun. Jekk inqabblu din in-nefqa man-nefqa fl-istess perjodu tal-2019, fejn fl-ewwel disa' xhur kellek nefqa ta' €1.8 biljun, dan ifisser differenza ta' €300 miljun iżjed fl-ekonomija ta' pajjiżna.

Għalkemm għad m'għandix in-numri uffiċjali f'idi, però nista' ngħid li sal-aħħar t'Ottubru, jiġifieri f'għaxar xhur, se tkun inqabżet in-nefqa li kellna fis-sena 2019 kollha. Dan ifisser li rnexxielna nattiraw lejn pajjiżna mhux biss iżjed turisti, iżda turisti li qed jonfqu ħafna iżjed flus f'Malta. Dan huwa dak li għandna bżonn f'pajjiżna. Issa hawn ma ninsewx il-kontest li għaddejjin minnu bħalissa, fejn id-dinja għaddejja minn gwerer militari u anke dawk tal-prezzijiet. Però, minkejja li qegħdin ngħixu fi żmien fejn it-titjiriet huma fl-ogħla livelli tagħhom, minkejja li għandna inflazzjoni li qatt ma kellna bħalha, u minkejja li għandna inċertezza fuq livell internazzjonali, pajjiżna xorta qed jibqa' jimxi 'l quddiem u jġib dawn ir-riżultati pożittivi.

Sur President, qed nagħmlu dan għax għandna pajjiż sabiħ u li għandu x'joffri. Ejja nkunu kburin b'pajjiżna u bil-prodott turistiku Malti u Għawdxi. Għandna turisti mill-Ewropa u lil hinn li qegħdin jagħżlu lil Malta għall-vaganza tagħhom u qed jiġu jħallu flushom f'pajjiżna. L-akbar ċertifikat ta' dan kollu tagħtihulna l-United Nations World Tourism Organisation (UNWTO) li b'mod kumulattiv qiegħda tpoġġi lil pajjiżna bħala 'the best performing Mediterranean destination' fejn jidħol it-turiżmu. Dawn huma r-riżultati li qegħdin niksbu bħala pajjiż! Dawn huma r-riżultati li jolqtu lin-nies b'mod dirett. Ovvjament, fadlilna ħafna iżjed x'nagħmlu. Bħal dejjem, nagħmlu kemm nagħmlu, irridu naħdmu dejjem iżjed. Fadlilna iżjed deċiżjonijiet x'nieħdu għaliex illum id-diskussjoni, mhux biss f'din il-Kamra iżda anke barra, m'għadhiex dwar jekk hux se nattiraw turisti lejn Malta, iżda dwar x'tip ta' turisti rridu li nattiraw lejn pajjiżna għas-snin li ġejjin. Irridu turisti li jkunu ta' kwalità ogħla minn dik li għandna llum. Irridu nagħtu servizz ħafna aħjar fl-ispettru tal-ospitalità Maltija, mhux bil-kliem iżda bil-fatti.

Il-viżjoni aħħarija tagħna hija li sas-sena 2030 nibnu mudell turistiku bbażat fuq il-kwalità, l-awtentiċità u s-sostenibbiltà. Dawn huma tliet prinċipji li jridu jwassluna għal pajjiż li jara turiżmu mifrux fuq sena sħiħa. B'hekk, jekk inti lukandier, persuna li għandek ristorant jew xi akkomodazzjoni jew inkella għandek xi ħanut tas-souvenirs ma jkollokx bżonn tistenna x-xhur tas-sajf biex taħdem, kif konna fi żmien amministrazzjoni preċedenti. Illum pajjiżna m'għadux sempliċement 'a bucket and spade destination' li jattira t-turisti fix-xhur tas-sajf u mbagħad matul ix-xitwa l-lukandi jagħlqu u r-ristoranti jwaqqfu l-ħaddiema għaliex ma jkollhomx biżżejjed klijentela biex isostnu l-operat tagħhom.

Għalhekk irridu turiżmu mifrux matul is-sena kollha li jnaqqas l-impatt ambjentali, għax dan huwa wkoll parti mill-pjan tagħna fejn jidħol it-tibdil fil-klima. Irridu turiżmu li minnu tgawdi kull lokalità f'Malta u Għawdex. Għalhekk huwa importanti li nkomplu ninvestu u naġġornaw il-prodott turistiku fiż-żoni turistiċi li huma tradizzjonalment magħrufa fost it-turisti, iżda wasal iż-żmien li ħafna iżjed lokalitajiet u rħula madwar il-pajjiż kollu jingħaqdu fil-lista tal-għażla li jagħmlu t-turisti meta jżuru lil pajjiżna.

Irridu turiżmu bbażat fuq diversi niċeċ. Kemm qalu li ma nafx x'qed nagħmel meta bdejt nitkellem fuq in-niċeċ. Saħansitra qalu li l-Ministru qed jibni n-niċeċ! Irridu turiżmu bbażat fuq l-isports, id-divertiment, id-diving, is-settur tal-konferenzi, it-turiżmu reliġjuż li llum qed nieħu gost li anke l-Oppożizzjoni qiegħda taqbel

mal-Gvern fuq dan is-settur, u diversi niċeċ oħrajn li se nkunu qegħdin inniedu fiż-żmien li ġej. Dan irridu nagħmluh biex verament negħlbu l-istaġjonalità. Nistgħu naslu għal dan għaliex diġà bdejna nattwaw dan il-pjan.

Jien nistieden lill-membri tal-Oppożizzjoni li ħadu sehem f'dan id-dibattitu sabiex jaslu wasla sa Għawdex. Ilbieraħ kien hemm il-Kap tal-Oppożizzjoni f'Għawdex, u jiltaqgħu ma' tar-ristoranti u tal-lukandi sabiex jisimgħu kif din hija l-aħjar sena li kellhom f'Għawdex. Sa dan il-weekend stess kien għadhom mimlija bit-turisti. Ristoranti u kafeteriji Għawdxin żgħar jgħidulek li sa ftit tas-snin ilu kienu jagħlqu f'Novembru, iżda din is-sena għadhom miftuħin għax għad hemm ix-xogħol. Dan hu li rridu nitkellmu fuqu, Sur President. Dan huwa dak li jolqot lin-nies, għaliex verament qed noħolqu l-ġid li minnu jgawdi kulħadd.

Madwarna għandna kompetizzjoni ħarxa u aggressiva kemm minn destinazzjonijiet li ilhom stabbiliti għal numru ta' snin u anke minn destinazzjonijiet oħra li bdew jinvestu u qegħdin jipprovaw ilaħħqu magħna. Hawnhekk fejn tidħol l-importanza tar-reklamar. Huwa obbligu tagħna li ninvestu fil-marketing u li nsostnu l-investiment fis-settur tat-turiżmu. Insemmi d-digital marketing, pereżempju, fejn għandna partnerships ma' diversi platforms u hemm mijiet tal-eluf ta' ewro li huma vvutati għalihom sabiex isir dan ir-reklamar. Mela jekk tonfoq il-flus u tinvesti jgħidulek li nfaqt il-flus, u jekk ma tinvestix fir-reklamar jgħidulek li mhux qed iġġib turisti lejn pajjiżna! Xogħolna huwa li nibqgħu ffokati sabiex din l-industrija tkompli timxi 'l quddiem. Dak huwa xogħolna, Sur President, li nkomplu ninvestu fejn jaqbel lill-poplu Malti u Għawdxi.

Insemmi l-konnettività bl-ajru, li hija l-aktar ħaġa importanti li għandna bħala pajjiż. Dan għaliex 99% tat-turisti li jiġu f'pajjiżna jiġu bl-ajru. Għalhekk irridu nkomplu ninvestu dejjem iżjed minn qatt qabel fil-konnettività bl-ajru. L-MTA qed tagħmel xogħol importanti ħafna biex tkompli tkattar il-konnettività minn u lejn pajjiżna. Fil-fatt, anke hawnhekk għandna riżultati sbieħ. Jekk inħarsu lejn is-sajf tal-2019 naraw li kellna ftit iżjed minn 6 miljun seat disponibbli minn u lejn Malta li minnhom kellna 84.6% bħala seat load factor. Fis-sajf ta' din is-sena kellna 6,300,000 seat two-way disponibbli jew ftit iżjed. Però, mhux talli żidna s-seats disponibbli, imma rnexxielna wkoll ngħollu s-seat load factor għal 87%, jiġifieri ġibna iżjed seats u mlejniehom. Dan ifisser żieda fuq żieda. B'hekk jinkisbu r-riżultati tajbin għal dan il-pajjiż!

Skont ċifri tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta joħroġ li qed ikollna dejjem iżjed passiġġieri li qed jgħaddu mill-ajruport, li jfisser li għandna iżjed turisti. Meta wieħed iqabbel il-figuri mal-2019 li, nerġa' ngħid, kienet l-aqwa sena li qatt kellu pajjiżna, isib li qegħdin nagħmlu utilizzar ħafna aħjar tal-ajruplani li qed itiru minn u lejn pajjiżna. Fix-xitwa bejn is-sena 2019/2020 kellna ftit iżjed minn 2,700,000 seat li kienu disponibbli, b'seat load factor ta' 73%. Għal din ix-xitwa li ġejja qed naraw li jkollna 'l fuq minn 3 miljun, kważi 3,100,000, seat disponibbli biex jivvjaġġaw in-nies minn u lejn Malta. Ovvjament ir-riżultat ta' dan inkunu qegħdin neħduh is-sena li ġejja, però mill-ewwel indikazzjonijiet wara li attendejna għall-World Travel Market ftit tal-ġimgħat ilu, stajna naraw l-interess kbir li hemm f'pajjiżna.

Konna ta' spalla għall-industrija lokali li pparteċipat f'dan l-avveniment, fejn komplejna nħeġġu u ninvestu dejjem iżjed biex inkattru d-domanda lejn pajjiżna. Għalhekk qegħdin nassiguraw li l-utilizzazzjoni tas-servizzi bl-ajru tkun għolja. Dan mhux kemm ikollok ajruplan li għadda mill-ispazju tal-ajru tagħna jew inkella li ġie Malta bis-seats vojta, għax anke hemmhekk se jkollna impatt ambjentali. Għalhekk dak li jgħodd mhux kemm inżidu ajruplani li jtiru lejn u minn Malta, għax ajruplan vojt u ajruplan mimli xorta waħda ġie Malta, imma rridu naraw li nimlew kemm jista' jkun minn dawk is-seats. Għalhekk qed naraw li jkollna linji tal-ajru li joperaw lejn Malta, li għandhom flotot ta' ajruplani moderni, li huma fost l-aħjar fl-oqsma tal-low emissions u anke l-low consumption ta' fuel fid-dinja.

Sur President, għamilna aċċenn għas-suq Amerikan, li huwa għan long-term għal pajjiżna. Kien hawn ħafna attentati fil-passat biex wieħed jidħol f'dan is-suq u hawn irrid nirreġistra avvanzi kbar li saru matul dawn l-aħħar xhur f'dan ir-rigward. Dan għaliex illum il-ġurnata għandna konnessjonijiet tajbin ferm bħala pajjiż lejn l-Istati Uniti minn Frankfurt, Munich, Amsterdam, Pariġi, Ruma, Londra, Istanbul u Zurich u, riċentement ukoll, grazzi għal co-sharing bejn l-Air Malta u l-Emirates, bdiet

konnessjoni wkoll minn Milan. Iżda aħna rridu naslu biex ikollna titjiriet diretti bejn Malta u l-Istati Uniti.

Għalhekk għaddejjin b'taħditiet biex ikollna airlines li jtiru b'mod dirett. Iżda biex naslu hemm irridu nżidu n-numru ta' turisti Amerikani li jagħżlu lil pajjiżna għall-btala tagħhom. Għalhekk, filwaqt li nitkellmu fuq in-numri, u huwa veru li ngħidu li għandna critical mass, però ejja nirrikonoxxu l-fatt li jekk irridu iżjed titjiriet bħal dawn li qed insemmu, irridu nżidu wkoll in-numri fejn l-iktar jaqbel. M'aħniex qed ngħidu li se nżidu n-numri sempliċement biex ikollna numru ikbar ta' turisti, iżda qegħdin ngħidu li rridu nżidu n-numri fejn għandna bżonn għaliex nemmnu li permezz t'hekk se nibnu pjattaforma biex imbagħad inkunu nistgħu nsaħħu l-konnettività, f'dan il-każ għas-suq Amerikan. Fl-istess ħin se nibqgħu ninvestu u nsostnu dawk ir-rotot li diġà huma stabbiliti.

Madwar l-Ewropa sejrin tajjeb ħafna bħala konnettività. Pereżempju, is-suq Pollakk ra żidiet kbar, li ġew grazzi għall-konnettività. Għalhekk se nkunu qed naħdmu id f'id mal-linja nazzjonali tal-ajru l-ġdida biex nibqgħu nassiguraw li s-seat load factors tant tajbin li kellha l-Air Malta matul din is-sena jkunu qed jiġu rreġistrati wkoll fix-xhur li ġejjin, anke mil-linja nazzjonali tal-ajru l-ġdida. Lil hinn mill-kampanji ta' biża' u ta' doom and gloom, Malta se jibqa' jkollha linja nazzjonali tal-arju li se tkun kontributur b'saħħtu għar-rendiment turistiku ta' pajjiżna. Se nibqgħu impenjati wkoll biex ikollna mix tajba ta' airlines bejn legacy airlines u low cost airlines.

Din is-sena l-MTA kienet protagonista biex tagħti spinta tajba lit-turiżmu sportiv, li kien ilu jissemma fuq l-aġenda ta' pajjiżna, iżda kellha tkun din is-sena li kienet l-aqwa sena għal din in-niċċa partikolari. F'Jannar irnexxielna nġibu lit-tim femminili ta' Manchester United, li huwa wieħed mill-aqwa timijiet li hemm fir-Renju Unit. Fil-jiem li kienu f'Malta, apparti diversi attivitajiet soċjali ma' segwaċi tal-futbol, saru wkoll attivitajiet fejn il-players żaru tfal morda fl-isptarijiet. Insomma, ferraħna lil ħafna. Dan huwa kontribut xieraq lis-soċjetà Maltija mill-MTA. Mill-aspett promozzjonali, it-taħriġ tat-tim f'pajjiżna ġibed interess enormi.

It-tim kien akkumpanjat minn crew ta' MUTV, kien hemm numru ta' ġurnalisti u bloggers u anke digital media influencers. Permezz ta' dan ir-rappurtaġġ u uploads fuq il-midja soċjali ta' kuljum, pajjiżna gawda minn promozzjoni imprezzabbli fil-midja soċjali ta' Manchester United. Kien hemm ukoll diversi bloggs u rivisti kbar li għal dan it-training camp partikolari għażlu li jkollhom il-focus tagħhom fuq pajjiżna. Għalhekk qegħdin naraw kif inkomplu ninvestu aktar sabiex inkabbru dejjem iżjed din il-promozzjoni. Tajjeb nifhmu li t-tim ta' Manchester United għandu 'l fuq minn 1,100,000,000 segwaċi madwar id-dinja, li persentaġġ qawwi minnhom jinsabu f'diversi pajjiżi li rridu nilħqu bħala pajjiż, u li kieku ma jkunx għal dan il-partnership ma jirnixxilniex ikollna din ir-reach li għandna bżonn.

Hawnhekk qed insemmu l-Asja, l-Indja, l-Istati Uniti u anke l-Amerika Latina. Huwa parti mill-pjan tagħna li nattiraw turisti minn dawn is-swieq biex inkomplu ngħollu l-kwalità u jkollna turisti mhux biss fis-sajf, imma anke turisti li jonfqu iżjed. Dan kollu huwa parti mill-pjan tagħna biex insaħħu s-sostenibbiltà ta' pajjiżna. Pereżempju, insemmi t-turisti Ġappuniżi li għandhom tendenza li jsiefru fix-xitwa u jonfqu iżjed minn turisti oħrajn.

Nafu li permezz tal-app u t-tim ta' Manchester United kapaċi nilħqu dan is-suq ukoll. Din l-attività f'Malta u Għawdex ġiet imxandra fuq il-midja soċjali kollha, fejn kien hemm numru ta' impressions ukoll. Manchester Unit għandhom 37 miljun segwaċi fuq *X* (*Twitter*), 82 miljun fuq *Facebook*, 63 miljun fuq *Instagram* u 'l fuq minn 8 miljuni fuq *Youtube*. Dan apparti mis-segwaċi tal-players individwali, li lkoll kemm huma tellgħu r-ritratti tagħhom meta kienu f'pajjiżna. B'hekk is-segwaċi tagħhom setgħu jaraw it-temp sabiħ li kellna, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann meta żaruh, il-Barrakka ta' Fuq u s-sbuħija tal-Port il-Kbir. Dan huwa dak li qegħdin nagħmlu fejn jidħol il-marketing ta' pajjiżna.

F'April li għadda f'Manchester, fil-logħba kontra Brentford, kellna l-ewwel Malta Day. Dakinhar f'Old Trafford, Visit Malta kienet l-isponsor prinċipali tal-logħba. Il-grawnd ta' Manchester United, Old Trafford, dakinhar kien dedikat kollu kemm hu għal pajjiżna f'reklamar estensiv fil-grawnd, ħafna iżjed milli jkollna s-soltu, kif ukoll fil-viċinanzi tal-belt ta' Manchester. Fil-VIP area tal-grawnd saret ukoll attività promozzjonali, fejn saħansitra kien hemm l-ikel tradizzjonali Malti. Din hija xi ħaġa li ntlaqgħet tajjeb ħafna. Hemmhekk qed nuru kif qegħdin ngħaqqdu anke

l-aspett gastronomiku. Għaliex fit-turiżmu, dak kollu li tagħmel huwa katina, u ħolqa wara l-oħra twassal għas-suċċess. Din l-attività tant kienet suċċess li f'Jannar 2024 se terġa' ssir fil-logħba home kontra Tottenham Hotspur F.C.

Ftit ġimgħat ilu f'pajjiżna kellna l-leġġenda ta' Manchester United Dimitar Berbatov. Din kienet żjara ppjanata li matulha nġibdu filmati ġodda li se jintużaw f'kampanja ta' reklamar fl-Ewropa kif ukoll f'kampanja speċifika għas-suq Ċiniż, li issa reġa' beda jirkupra wara l-pandemija.

Qed ngħid dan kollu biex min għandu f'moħħu li jitfa' xi dubju jew inkella jipprova jqarraq bin-nies, jifhem il-kobor tal-koperazzjoni li għandna ma' Manchester United. Illum qed nippjanaw biex inwettqu attivitajiet fuq livell mondjali, li lanqas biss tista' tikkumparahom ma' ftehim li kien hemm ma' timijiet oħrajn fil-passat. Jien niftakar iż-żmien meta n-naħa tal-Oppożizzjoni kienu fil-gvern u kien hemm ftehim ma' Sheffield United, tim ħelu li però r-reach tiegħu hija reġjonali, fl-Ingilterra, u mhux waħda fuq livell mondjali bħall-ftehim li għandna llum ma' Manchester United. Għaldaqstant se nkomplu naħdmu bis-sħiħ biex permezz ta' dawn il-partnerships nidħlu fi swieq li huma 'l bogħod u li forsi mingħajr dawn il-partnerships qatt ma kien ikollna ċ-ċans li nilħquhom.

F'Jannar 2024 it-tim tan-nisa ta' Manchester United se jerġa' jirritorna f'pajjiżna. Din id-darba se jkunu qegħdin jilagħbu kontra t-tim Olandiż tan-nisa PSV Eindhoven. Hawnhekk, għal darb'oħra, se jkollna kemm reklami fl-Ingilterra kif ukoll reklami b'mod dirett fis-suq Olandiż. Dan juri l-ħsieb u l-għaqal wara l-marketing kollu li jkun qiegħed isir lil hinn minn xtutna.

Kif diġà aċċennajt, isiru bosta attivatijiet mal-brand partners, li jipprovdu ħafna opportunitajiet ta' investiment u promozzjoni f'diversi swieq. B'hekk qed nattiraw mhux biss lil dak it-turist sportiv iżda anke niċeċ oħrajn. Kellna wkoll is-SELA Cup ippreżentata minn VisitMalta li saret fi Newcastle. Rajna kif minn din in-nefqa pajjiżna ggwadanja 'l fuq minn €7 miljun f'marketing u promozzjoni. Dan apparti li kellek 'il fuq minn 40,000 persuna li attendew bħala spettaturi.

Kellna wkoll diversi promozzjonijiet oħrajn. Fil-fatt, immorru f'diversi fieri tal-ivjaġġar, road shows u avvenimenti oħra. L-MTA matul is-sena tospita bosta ġurnalisti, influencers u aġenti, li dejjem urewna li l-aqwa ritorn li jista' jkollna huwa billi nippromwovu lil pajjiżna b'diversi mezzi. Meta wieħed iqis dan kollu jsib li l-valur li nieħdu minn dan l-ispazju, kieku kellna nħallsu għalih, jiswiena madwar 20 darba aktar. Altru milli tberbiq ta' flus!

Jekk inħarsu lejn din in-niċċa speċifika ta' turiżmu sportiv, naraw li jkollna numru ta' attivitajiet li jattiraw ħafna sportivi, it-timijiet tagħhom, is-supporters, il-ħbieb u l-familjari tagħhom. Għalhekk wieħed jista' jqis li minn din in-niċċa partikolari biss ikollna madwar tliet tipi ta' turist sportiv: dak li jżurna biex jagħmel l-attivitajiet sportivi tiegħu, bħal hiking, absailing u diving, fost oħrajn, dak li jżurna biex jipparteċipa f'xi avveniment sportiv, bħal maratoni jew kompetizzjonijiet oħra, u dawk li jżuruna biex jiltaqgħu ma' xi personalità jew biex jaraw xi attrazzjoni sportiva, bħal xi training camp li jkollna.

Eżempju ta' dan huwa t-Tipsport Malta Cup, fejn kellna numru ta' timijiet internazzjonali li lagħbu hawn Malta. Dan l-avveniment iġġenera madwar 5,000 bednight u kien hawn ukoll 40 rappreżentant tal-midja. Kellna l-Malta International Friendlies li pproduċew madwar 1,200 bed night, bil-logħob jiġi mxandar f'192 pajjiż differenti fuq diversi stazzjonijiet tat-televiżjoni, inkluż dawk tat-timijiet li qegħdin nitkellmu fuqhom. Kellek ukoll il-pjattaformi diġitali, li aktar ma jmur aktar qed iżidu fl-importanza tagħhom. Waqt dan l-avveniment sportiv żaruna madwar 65 ġurnalist, fotografu u videographers. Fosthom kellna lil Sky Sport u anke Mediaset.

Nikkoperaw ħafna wkoll mal-Malta Football Association (MFA), fejn ikun hemm numru ta' timijiet internazzjonali tal-irġiel u tan-nisa li jilagħbu f'pajjiżna. Din is-sena kellna wkoll it-tournament tal-UEFA tal-Under 19, li ġibed ħafna attenzjoni, b'miljuni ta' persuni jsegwu dan l-avveniment. Huwa rrappurtat li dan it-tournament segwewh aktar minn 12-il miljun, li ssarraf f'iżjed minn 4,000 bednight f'pajjiżna.

Aktar kmieni din is-sena kellna wkoll il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, fejn apparti s-suċċess li ksibna bħala pajjiż, ksibna wkoll suċċess turistiku. Kellna madwar 1,500 atleta li kienu parti minn disa' delegazzjonijiet, fejn kellna viżibilità kbira internazzjonali.

Insemmi l-Malta Marathon li attirat madwar 2,000 atleta u l-La Valette Marathom li attirat 560 atleta ieħor. Is-Snooker European Championships attiraw aktar minn 400 player minn 41 pajjiż differenti, apparti 50 uffiċjal u 100 supporter. Dan irriżulta f'400 bednight. Apparti minn hekk, dan il-logħob ixxandar fuq il-portal elettroniku tal-Assoċjazzjoni tal-European Billiard and Snooker, fuq l-app 'Snooker' u anke fuq *YouTube*.

Insemmi l-European Blackball Championship li sar ftit tal-jiem ilu, li attira f'pajjiżna madwar 960 viżitatur minn bosta pajjiżi u ġġenerat madwar 9,000 bednight. Kellna wkoll ir-Rolex Middlesea Race, li fiha ħadu sehem madwar 100 yacht. Dan huwa avveniment ta' kwalità li jattira l-aqwa baħħara u dgħajjes fid-dinja, b'eluf ta' segwaċi minn madwar id-dinja kollha.

Avveniment importanti ieħor kien dak tal-IPF World Classic li dam sebat ijiem, attira l-aqwa atleti minn 60 pajjiż differenti u ġġenera madwar 10,000 bednight f'pajjiżna. Dan kien imxandar fuq il-Eurosport TV, pjattaforma soċjali u l-app, u laħaq madwar 300 miljun spettatur minn madwar id-dinja. Irrid ngħid li xxandar ukoll f'diversi pajjiżi fl-Amerika t'Isfel u l-Asja.

Insemmi wkoll il-waterpolo, li huwa sport ieħor li komplejna nippromwovu. Fil-fatt kellna kemm il-Pro Recco women master team, li kellhom serje ta' taħriġ f'pajjiżna u iktar tard din is-sena se jkollna l-Malta Waterpolo Christmas Cup tal-irġiel, fejn ħames timijiet mis-Serbja, Montenegro, Olanda, Italja u Franza se jkunu qegħdin jikkompetu bejniethom. Hawnhekk qed naraw li għandna madwar 500 ruħ, bejn it-timijiet, supporters u l-midja li se jżuru lil pajjiżna. Huwa stmat li fl-ewwel sitt xhur tas-sena kellna madwar 18,000 viżitatur li żaruna biex jattendu avvenimenti sportivi li ssarrfu f'madwar 120,000 bednight. Però l-aqwa li jkun hawn min jiġi jgħidilna li qegħdin inberbqu l-flus u li ma nafux x'aħna nagħmlu!

Irrid insemmi wkoll is-suċċess u l-viżibilità tal-avvenimenti li kellna matul is-sajf, fejn l-importanza tas-suċċess ta' dawn l-attivitajiet għandha benefiċċji kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali. Fil-fatt numru ta' rapporti ekonomiċi li qed jitħejjew juru li dawn l-avvenimenti għandhom effett multiplikatur pożittiv b'saħħtu ħafna. Dan ifisser li għal kull ewro li jkun qed jinvesti l-Gvern, ikun qed idaħħal fil-kaxxa ta' Malta ħafna aktar, speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-effetti diretti, indiretti u anke l-effetti indotti.

Ta' min isemmi wkoll l-importanza li l-artisti u l-influencers iħallu fuq pajjiżna, speċjalment meta jutilizzaw il-mezzi tal-midja soċjali tagħhom biex ifaħħru s-sbuħija ta' pajjiżna. Għaliex din hija l-ironija! Ikollok barranin li japprezzaw is-sbuħija ta' pajjiżna, u mbagħad ikollok ċerti Maltin li ħlief kruha ma jarawx u affarijiet koroh ma jgħidux fuq din Malta tagħna! Apparti minn hekk, qegħdin naraw li dawn il-persuni jkomplu jirreklamaw lil pajjiżna lil hinn minn xtutna.

Permezz ta' dawn l-attivitajiet irridu naraw li l-Maltin u l-Għawdxin ikollhom dan it-talent internazzjonali f'pajjiżna. Iċ-ċokon tal-gżira tagħna joħloq dak li jgħidulu 'market failure', jiġifieri li kieku ma jkunx hemm l-involviment tal-Gvern, kieku l-privat ma jistax ikopri dan id-dħul waħdu. Il-Gvern hawnhekk, kuntrarju għal dak li hemm min jgħidilna, mhux qed jikkompeti mal-privat, iżda qed jiffaċilita biex joħloq level playing field ma' pajjiżi oħrajn internazzjonali biex ikopri l-market failure u jara li dawn il-proġetti jkunu jistgħu jsiru f'pajjiżna. Pereżempju, l-ikbar venue tal-isport f'pajjiżna tesa' madwar 20% ta' Wembley Stadium. Ta' min isemmi li biex wieħed imur barra minn Malta jara kunċert hemm ċerti spejjeż involuti. Jekk għandek familja Maltija li trid tmur barra minn Malta biex tara, pereżempju, lil Robbie Williams jew lil André Rieu trid tħallas il-flights, il-lukandi u tixtri l-biljetti għall-kunċert. B'dan li qed nagħmlu aħna, meta qed inġibu t-talent hawn Malta, qed jirnexxilna naraw li l-familji Maltin u Għawdxin ikunu jistgħu jgawdu minn dan it-talent f'pajjiżna stess. B'hekk qegħdin nassiguraw li min ma jiflaħx iħallas biex imur lil hinn minn xtutna biex jara lil dawn l-artisti jkun jista' jgawdihom hawn Malta. Eżempju ċar huwa l-konkorrenza b'saħħitha li diġà hemm għall-kunċert ta' Ed Sheeran f'Ġunju 2024.

Dawn l-avvenimenti ma jattirawx Maltin biss, iżda jattiraw ukoll numru kbir ta' turisti li qed naraw li minn sena għal oħra jżidu l-interess tagħhom f'pajjiżna. Avvenimenti ta' divertiment bħal Glitch, DLT, Defected, World Club Dome, Summer Daze u anke Isle of MTV huma avvenimenti li jattiraw dawn it-tipi ta' turisti. Matul dan is-sajf rajna suċċess kbir fejn tidħol attendenza ta' kunċerti li saru, bħall-BBC Orchestra, Isle of MTV, Robbie Williams,

Summer Daze u André Rieu. Biex nagħti eżempju fil-prattika, għall-kunċert ta' André Rieu ġew turisti minn 48 pajjiż differenti lejn pajjiżna. Dawn ġew grazzi għal dan il-kunċert. Fl-istess waqt dan l-artist ta' fama internazzjonali inkluda lil pajjiżna fil-kalendarju tiegħu għaliex tant għoġbu l-pajjiż li jrid jgħinna hu wkoll biex nippromwovu lil Malta u Għawdex tagħna.

Turist li jiġi għal avvenimenti bħal dawn, ma jkunx ġie Malta purament għall-avveniment, iżda l-fatt li jkun offrut spettaklu waqt iż-żjara tiegħu jkun valur miżjud għal dik l-esperjenza li jkollu f'pajjiżna. Ta' min isemmi wkoll li dawn l-avvenimenti jkunu promossi qabel kif ukoll wara ma' miljuni ta' persuni. Eżempju ċar ta' dan huwa l-kunċert tal-BBC Orchestra kif ukoll l-Isle of MTV li, apparti l-eluf li jarawhom hawn Malta, ikun hemm ħafna iżjed miljuni li jarawhom fuq it-televiżjoni jew inkella jisimgħuhom fuq ir-radju.

L-MTA kompliet tgħin ukoll f'avvenimenti bħall-Malta International Airshow, il-Malta International Fireworks Festival u anke Fairyland għal żmien il-Milied. Dan apparti l-ħafna inċentivi oħrajn li tagħti l-Awtorità fuq skala iżjed medja. Hawn nixtieq nagħmel kumment. L-MTA qatt ma tindaħal lill-organizzaturi fuq min ikunu l-kelliema. Jekk konferenza ssir b'għajnuna minn VisitMalta, VisitMalta qatt ma tindaħal dwar min se jkunu l-kelliema. Issa jekk l-organizzaturi jogħġobhom ma jistidnux lill-Oppożizzjoni, dik hija xi ħaġa li l-Oppożizzjoni jridu jarawha dirett magħhom. Però ma jippruvawx jużaw lil VisitMalta biex jattakkaw lill-organizzaturi b'mod indirett, bħalma naf li qed jiġri f'affarijiet oħra. Hawnhekk terġa' tidħol il-kredibilità li bena dan il-Gvern u l-kredibilità u l-kredenzjali li għandha VisitMalta, liema kredenzjali wrejniehom ukoll fil-logħba Malta kontra l-Ingilterra, li ntlagħbet proprju dan il-weekend. Fil-fatt għenna lis-supporters fis-South End Core sabiex huma setgħu jtellgħu iżjed bnadar u jħeġġu dejjem iżjed l-appoġġ Malti.

Sur President, rigward l-awtentiċità, ftit ilu semmejt li madwarna għandna kompetizzjoni li ma taqta' xejn. Għalhekk bilfors li trid tidħol f'ċertu dettall f'dak li tagħmel biex il-prodott ġenerali u s-servizz ipprovdut ikunu tal-aqwa livell possibbli. It-turist tal-lum jippretendi - u hekk għandu jkun - li jingħata l-aqwa valur possibbli għal flusu. Li jkollok infrastruttura aġġornata u prodott turistiku ta' kwalità fuq kull livell trid tkun l-ordni tal-ġurnata. Dak li huwa bażiku rridu nagħmluh ta' kwalità. Il-kwalità mhijiex il-lussu. Il-lussu hija niċċa oħra partikolari, li se jasal iż-żmien għaliha wkoll, iżda l-kwalità trid tkun preżenti f'dak kollu li qegħdin nagħmlu. Għalhekk komplejna ninvestu biex naġġornaw il-prodott turistiku ta' pajjiżna u ntejbuh.

Wara r-riġenerazzjoni li saret tal-pjazza tal-Mellieħa, illum hija iżjed awtentika fid-dehra tagħha. Ir-riżultati jitkellmu waħedhom u jxejnu l-politika ta' dwejjaq advokata mill-ftit biex itellfu l-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-proġett. Insemmi l-proġett tal-promenade tal-Għadira, li bħal kull proġett ieħor offra diversi sfidi, li jagħmlu l-andament tax-xogħol xejn faċli. L-immaniġġjar tat-traffiku fuq kareġġjata waħda u l-maltemp tax-xitwa offrew diversi sfidi. Iżda s-sit tal-Għadira joffri sfidi ikbar minn hekk. Din kienet ir-raġuni prinċipali għalfejn gvernijiet fil-passat qatgħu qalbhom milli jidħlu għal dan il-proġett. L-ikbar sfida hija dik taż-żmien għax fix-xhur tas-sajf ma tistax taħdem hemm u allura x-xogħol irid isir fi żmien iqsar. Għaldaqstant qed naraw li nagħlqu x-xogħlijiet fi ftit tal-ġimgħat oħra biex b'hekk ikun jista' jiġi inawgurat dan il-proġett. Hawn irrid nirrimarka li fost il-ħafna problemi li kien hemm, il-promenade u t-triq kellhom jinbnew mill-ġdid minħabba li kienu mibnija fuq materjal dgħajjef. F'partijiet oħra x-xogħol tal-iskavar niżel 'l isfel saħansitra iżjed mil-livelli tal-baħar u l-baħar kien qed jippenetra fit-trinek li kien hemm għaddejjin taħt it-triq. Għalhekk tpoġġa konkos apposta biex l-ilma tal-baħar jitwaqqaf milli jkompli jidħol f'dawn it-trinek qabel ma seta' jitkompla x-xogħol.

It-triq tal-Għadira hija l-unika konnessjoni bejn iż-żewġ gżejjer. Minn din it-triq jgħaddu diversi servizzi li jipprovdu l-komunikazzjoni kollha bejn Malta u Għawdex, fosthom cables tad-dawl u cables tal-komunikazzjoni. Kull meta jsir skavar il-kuntrattur irid joqgħod attent li ma jolqotx dawn il-cables, għax inkella jispiċċa jħalli eluf ta' persuni mingħajr is-servizz meħtieġ. B'kollox, il-valur tax-xogħol ta' tisbiħ tal-promenade tal-Għadira se jkun qed jammonta għal madwar €2 miljun.

Din is-sena lestejna wkoll il-proġett ta' tisbiħ tal-gallerija tal-Belvedere f'San Pawl il-Baħar. Ninsabu għaddejjin b'ħidma importanti biex jibdew ix-xogħlijiet fuq il-pjazez ta' Buġibba u tal-Birgu. Fil-fatt, fl-ewwel nofs tal-2024 se

toħroġ it-tender sabiex wara s-sajf jibda x-xogħol fuq il-pjazza ta' Buġibba. Ħarġet it-tender biex jiġi riġenerat ix-xatt ta' Birżebbuġa. Qed isir ir-restawr tal-faċċati f'Ta' Liesse, il-Belt Valletta, ir-restawr tal-Fisherman's Shed fi Spinola, San Ġiljan u r-restawr tat-torri ta' San Tumas f'Marsaskala. Għas-sena d-dieħla qed naraw ukoll proġett ieħor ta' tisbiħ fir-Rabat Malta, upgrading tad-dawl tal-knisja tan-Naxxar u t-tisbiħ tal-madwar, upgrading tas-sistema tad-dawl tal-knisja ta' Santa Liena f'Birkirkara u l-esplanade ta' Ħal Tarxien, flimkien ma' Heritage Malta.

Dan biex ma nsemmux l-upgrading fl-infrastruttura ta' aċċessibilità li tintuża fil-bajjiet fl-Exiles, Fond Għadir u l-Fajtata. Altru milli qed niffokaw fuq żona waħda biss tal-pajjiż! Qed nagħmlu investiment madwar il-pajjiż kollu. Dan huwa investiment bla ebda preċedent li qatt qabel ma sar bħalu f'pajjiżna. Inżid ngħid ukoll li mhux biss iffokati fuq iż-żoni tradizzjonalment turistiċi, iżda qegħdin nilqgħu u nlestu żoni oħrajn biex jibdew jieħdu l-ġid turistiku huma wkoll.

Kelma ta' ringrazzjament tmur lis-CEO tal-MTA Carlo Micallef, liċ-Chairman Gavin Gulia, kif ukoll il-bord tad-diretturi kollha kemm huma. Magħhom irrid nirringrazzja wkoll lil Leslie Vella, Deputy CEO u l-Perit Kevin Fsadni, li qed narahom hawnhekk flimkien mat-timijiet rispettivi tagħhom, għax-xogħol tant tajjeb u utli li qegħdin jagħmlu.

Sur President, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) huwa l-pulmun tal-industrija tal-ospitalità Maltija. Ir-relevanza ta' din l-istituzzjoni fis-sitwazzjoni turistika tal-lum hija bla ebda preċedent. Bħalissa f'din l-istituzzjoni edukattiva għandna 'l fuq minn 700 student li qegħdin jimbarkaw f'korsijiet li jvarjaw minn Masters, Baċellerat u Diploma, sa alternative learning programmes. F'dawn l-aħħar snin l-ITS iffirmat b'suċċess kollaborazzjonijiet ma' diversi istituzzjonijiet u universitajiet internazzjonali distinti li għollew il-preżenza tagħha fix-xena globali. Fil-fatt, fil-jiem li ġejjin, l-ITS se tkun qed tiffirma ftehim ieħor ma' università Ċiniża sabiex ikollna l-ewwel kampus satellitari ġdid f'din iż-żona.

Fejn jidħol il-bini tal-kampus tal-ITS il-ġdid, il-proċess ta' tħaffir jinsab fl-aħħar stadju tiegħu u mistenni li jkun lest sal-aħħar tas-sena. F'konformità mal-għanijiet stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea, il-pjanijiet għaddejjin minn reviżjonijiet biex itejbu l-effiċjenza enerġetika tal-kampus, bil-mira tkun dik li jkollha binja b'emissjonijiet kważi żero. Il-kumpanija li rebħet l-offerta għal servizzi professjonali qed taħdem b'mod attiv fuq dawn l-emendi. Ladarba din il-fażi tintemm, imbagħad joħorġu l-offerti biex ikun jista' jibda jsir il-bini fil-futur qarib.

Fis-snin li ġejjin l-ITS se jkun protagonista fil-bidliet importanti li rridu nagħmlu fejn jidħol is-servizz fl-industrija tal-ospitalità. In-nies jafu li t-turiżmu sejjer tajjeb, iżda jistennew li fejn ikun hemm l-isfidi, bħala Gvern nieħdu d-deċiżjonijiet. Ma nistgħux nittolleraw iżjed istanzi fejn ikollok frontliners f'din l-industrija li ma jkunux kapaċi jikkomunikaw b'mod bażiku mal-Maltin, l-Għawdxin u t-turisti. Għalhekk l-introduzzjoni tal-iskills pass fl-industrija tal-ospitalità hija deċiżjoni ta' ġenerazzjoni għat-turiżmu fost l-ikbar riformi li jridu jsiru fit-turiżmu fl-għaxar snin li ġejjin.

Fuq kollox, dan il-pajjiż irid jiddeċiedi fejn irid imur, jekk huwiex se jibqa' jara l-kwalità bħala buzzword jew inkella jekk verament hux se nibdew ngħixu l-kwalità. Sal-lum ħadd ma għadu daħal fid-dettall jew analizza eżatt xi tfisser il-kwalità u kif se naslu għaliha. Għalhekk, fejn jidħol il-proġett tal-iskills pass, bħalissa għaddej proċess ta' konsultazzjoni li ġabar rispons siewi minn firxa wiesgħa ta' parteċipanti, inkluż il-pubbliku inġenerali, assoċjazzjonijiet u partijiet interessati, kif ukoll dawk kollha li jridu jaraw il-ġid għal din l-industrija.

Ironikament, kien il-Partit Nazzjonalista biss li ma tax ir-rispons tiegħu għal din il-konsultazzjoni pubblika. Imbagħad illum smajna lill-kelliema tal-Oppożizzjoni jgħidu li ma jaqblux ma' dak li qed nipproponu aħna. Tajjeb, fuq naħa jkollna lill-Kap tal-Oppożizzjoni jiġi hawnhekk u jikkritika barman u jipprova jiżżufjetta bih, u min-naħa l-oħra jkollna l-kelliem tal-Oppożizzjoni stess li ma jaqbilx li ngħollu l-livell. Konsistenza żero, kredibilità żero! Għalhekk l-ITS kif ukoll il-Gvern qegħdin nirrkonoxxu dan ir-rispons li rċevejna, iżda qegħdin ninkorporaw ukoll suġġetti pertinenti fil-kontenut tal-korsijiet u qed nagħmlu l-aġġustamenti proċedurali li hemm bżonn sabiex naraw li dan il-proċess ikun jista' jiddaħħal skont it-timeline li ħriġna oriġinarjament.

Apparti minn hekk, rajna input minn lukandi u diversi stabbilimenti li enfasizzaw l-importanza li jkollna ċerti elementi speċifiċi li jkunu inklużi. Irridu naraw li nħeġġu dejjem iżjed Maltin u anke persuni minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li jingħaqdu magħna f'din l-industrija tan-nies. Għaldaqstant inħares 'il quddiem biex permezz ta' din l-ewwel minn sensiela ta' deċiżjonijiet li qegħdin nieħdu biex verament ngħollu l-kwalità tkun implimentata tajjeb u fi żmien raġonevoli, biex is-settur tat-turiżmu jagħmel dik il-qabża li jmiss fil-kwalità.

Hawnhekk irrid ngħid kelma ta' ringrazzjament lis-CEO tal-ITS Pierre Fenech u liċ-Chairman Edward Zammit, li flimkien mal-bord tal-gvernaturi u l-ħaddiema kollha kemm huma, kemm amminstrattivi kif ukoll il-ħaddiema akkademiċi, qed jagħmlu xogħol tant tajjeb mal-istudenti, li huma l-aqwa ambaxxaturi tagħna, għax se jkunu huma l-persuni li joffru dan is-servizz ta' kwalità lit-turisti li jżuruna.

Sur President, illum l-industrija tal-films toffri opportunitajiet ġodda għal ħafna familji u negozji Maltin u Għawdxin. Minn industrija staġjonali u li taħdem bl-iskossi fi żmien gvern Nazzjonalista, illum għandna industrija back to back. Mhux hekk biss, illum f'pajjiżna qed jinħadmu aktar minn erba' sa sitt produzzjonijiet fl-istess ħin, fl-istess ġimgħa. Minn industrija tal-part-time għal uħud fi żmien gvern preċedenti, ġibna xogħol full-time għal dawk kollha li jridu jaħdmu f'din l-industrija, minn hairdresser sa mastrudaxxa. M'għadhiex industrija tal-elitisti, iżda hija industrija ta' poplu ħabrieki li jara l-ottimiżmu u jaħtaf l-opportunitajiet li qegħdin noffrulu. Dak li m'għamlux gvernijiet Nazzjonalisti għal ġenerazzjonijiet sħaħ għamilnieh aħna f'ħames snin biss u determinati li niksbu iżjed flimkien.

Hawnhekk nerġa' nagħmel l-appell tiegħi lil ċerti membri ta' din il-Kamra: Toqogħdux tilagħbu max-xogħol tan-nies. Kulħadd għandu dritt jaħdem u x-xemx titla' għal kulħadd. Din hija industrija li toffri l-opportunitajiet lil kulħadd. L-appell lin-naħa l-oħra hu dan: Toqogħdux toħolqu paniku bil-fatti, għax il-Maltin u l-Għawdxin jafu ċar kif kienet din l-industrija tal-films fi żmienkom u kif inhi llum. Jistgħu jserrħu rashom li se nkomplu naħdmu biex naraw li din l-industrija tkompli toħloq iżjed karrieri f'pajjiżna. Mhux se naqtgħu qalbna sakemm dan inwettquh. Dik hija r-rieda tagħna. Nafu fejn se naslu u nafu kif se naslu. Ir-rieda ta' wħud mill-membri tal-Oppożizzjoni hija differenti. Rieda ta' doom and gloom, negattività u qtigħ il-qalb. Fejn wieħed ma jistax jilħaq l-ambizzjonijiet tiegħu jgħid li l-għeneb huwa qares!

Fl-2018 kellna 300 persuna jaħdmu part-time fil-films u llum għandna iżjed minn 1,400 jaħdmu fil-films, bil-maġġoranza tagħhom jaħdmu full-time f'din l-industrija. Għandna aktar minn 400 kumpanija f'pajjiżna li jagħtu s-servizzi lill-industrija tal-films. Minn dan is-suċċess qed igawdi kulħadd, inkluż l-aqwa lukandi ta' pajjiżna. Mill-industrija tal-ftit fi żmien Gvern Nazzjonalista ġibnieha industrija tal-opportunitajiet. Il-mira tagħna tibqa' dik li niksbu l-għanijiet tagħna lkoll kemm aħna flimkien. Għalhekk ninsabu ffokati fuq xogħolna sabiex insaħħu l-crews tagħna, kemm dawk tal-lum iżda anke dawk li għadhom ġejjin. Se nkomplu ninvestu bis-saħħa fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tal-crews tagħna. In-nies tagħna huma l-aqwa asset li għandna bħala pajjiż u għalhekk għandna bżonnhom biex ikunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet ta' karrieri ta' kwalità li qegħdin noħolqu f'din l-industrija.

Kmieni din is-sena kellna l-kampanja "Għażel Job fil-Films" fejn b'suċċess rajna 'l fuq minn 2,000 persuna li rreġistraw l-interess tagħhom għal korsijiet li l-Kummissjoni tal-Films offriet biex inħarrġu aktar nies f'din l-industrija. Illum, kuntrarju ta' dak li hawn min jgħid, għandna ħafna Maltin jaħdmu fil-films. Smajt lill-Onor. Julie Zahra tgħid li għandek il-kumpaniji barranin li jġibu l-ħaddiema magħhom minn barra. Dan mhux veru, għaliex illum għandna 78% tal-crews li jaħdmu fil-films li huma Maltin. Erġajna rajna suċċess anke din is-sena. Veru li kellna l-istrike tal-American writers u l-atturi li laqat l-industrija tal-films fuq livell globali. Ħafna pajjiżi ntlaqtu u ħafna crews spiċċaw bla xogħol. Bħala pajjiż spiċċajna affettwati b'mod parzjali, peress li l-film Gladiator kellu jieqaf minħabba dan l-istrike Amerikan.

Però, u hawn hu l-għaqal tal-Kummissjoni Maltija tal-Films, il-maġġoranza tal-crews baqgħu jaħdmu. L-industrija f'pajjiżna baqgħet għaddejja. Dan għaliex l-istrateġija tagħna hija bbażata fuq produzzjonijiet mill-istudios u anke dawk indipendenti, jiġifieri min-naħa tagħna nħeġġu film makers indipendenti biex huma wkoll jiġu lejn pajjiżna. Fil-fatt dan ix-xahar hawn sitt produzzjonijiet li qed jinħadmu f'pajjiżna li huma produzzjonijiet internazzjonali

u Maltin. Dan hu rekord għal darb'oħra. Kif jista' ma jkollokx sodisfazzjon bħala Malti meta jkollok direttur mondjali bħal Ridley Scott, li ftit tal-jiem ilu qal hekk fuq pajjiżna:

> "Malta is an architectural gem. Its architecture is medieval, renaissance, it's stunning. Mdina is incredible.".

Ftit tal-jiem oħra se nerġgħu naraw lil pajjiżna fuq il-big screen bi blockbuster film ieħor, 'Napoleon'. Dan huwa s-suċċess li qed niksbu għal pajjiżna. Kemm ħadu pjaċir li l-film 'Gladiator' waqaf! Kemm ħadu pjaċir jaraw in-nies jieqfu mix-xogħol tagħhom fuq 'Gladiator'! Kemm għamlu ħsara lil pajjiżna bl-istejjer li pprovaw jagħmlu fuq il-cash rebates! Ħa nikkomferma hawn lilek, Sur President, u lil kull min qed isegwina, li l-film 'Gladiator' se jkompli jinġibed f'pajjiżna l-aħħar ġimgħa ta' Novembru u l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, b'70% minnu jinġibed hawn Malta. Jekk iridu jistgħu jmorru fuq is-sett u nlaqqagħhom mal-ħaddiema Maltin ħalli jkunu jafu lil min qed jipprovaw itellfu x-xogħol. Forsi jifhmu darba għal dejjem li max-xogħol tal-Maltin u l-Għawdxin ma jistgħux jilagħbu u mhux se nħalluhom jilagħbu!

Mhuwiex minnu li l-produzzjonijiet barranin li jiġu f'pajjiżna jippreferu jġibu crews barranin! Ikunu jridu jħaddmu lill-Maltin għaliex huma jafu li għandna crews ta' ħila u talent kbir. Le, Onor. Julie Zahra - għax qed nismagħha tgedwed minn taħt - pajjiżna ma jagħtix cash rebate fuq flus li ma jintnefqux f'pajjiżna stess. Nappellalhom biex ma jibqgħux iħawdu. Tal-inqas, meta jagħtuha n-noti, għandha tkun ċerta minn dak li qed tgħid. Jien għadni ma nistax nifhem għalfejn dan l-attakk feroċi fuq il-cash rebate. (Interruzzjonijiet) Qed jagħmlu ħsara lil pajjiżna u qed jipprovaw igerrxu l-investiment. Nappellalhom biex jiċċekkjaw il-fatti qabel jitkellmu.

Wara li għamlu kampanja ta' gideb, illum irrid inserraħ moħħ kulħadd. Ipprovaw jgħidu li pajjiżna mhux se jonora l-pledges tiegħu. X'ma qalux! Minn kollox qalu biex jibagħtu lin-nies jirreġistraw, għax ma jinteressahomx mill-jobs tal-familji. Però nerġa' ngħid li rrid inserraħ moħħ kulħadd, kemm dawk li preżentament jaħdmu fl-industrija u anke dawk li għad iridu jidħlu f'din l-industrija, li l-Gvern se jkun qed jonora l-pledges kollha tiegħu. L-40% cash rebate huwa b'saħħtu, sostenibbli u, it is here to stay!

L-Onor. Julie Zahra staqsietna għaliex bżajna nippubblikaw ir-rapport. Illum qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-verżjoni mqassra tar-rapport. Il-verżjoni sħiħa qiegħda għand l-Awditur Ġenerali. Ir-rapport ma ġiex ippubblikat fl-intier tiegħu għaliex le, ma nafdahomx, li ma jmorrux jagħmlu iżjed ħsara lil pajjiżna! Ara lill-Awditur Ġenerali nafdah u għandi fiduċja sħiħa fl-istituzzjoni tan-National Audit Office (NAO) u allura tajnieh il-verżjoni sħiħa. Hawnhekk, kif wegħedt, qiegħed inpoġġi dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra. Però lil min tafu ssaqsix għalih! Le, nafu li m'għandhomx l-interess ta' pajjiżna l-ewwel u qabel kollox.

Semmewlna lil Creative Malta, fejn din is-sena biss qassamna 'l fuq minn €1.5 miljun fejn jidħlu fondi. Ara fi żmien gvern Nazzjonalista, fl-2008 taw €230,000. X'differenza! Dan minbarra l-cash rebate li nagħtu lill-produzzjonijiet Maltin għaliex, iva, anke l-produzzjonijiet Maltin jikkwalifikaw għal cash rebate, kuntrarju għal dak li pprovaw jgħidu. Il-produzzjonijiet Maltin jikkwalifikaw mhux għal 40%, imma għal 50%. Hemm il-kriterji apposta għalihom, għal difficult audio visual works. L-appell tiegħi hu: Tagħtux kas li jipprovaw jgħidu l-Oppożizzjoni għaliex moħħhom biss biex ibeżżgħu bil-babaw. Aħna se nkomplu naħdmu biex inġibu x-xogħol lejn pajjiżna.

Creative Malta se timxi għand il-Ministeru tal-Kultura, xi ħaġa li saret wara qbil bejn iż-żewġ Ministri. Dan ma sarx, kif qed jipprovaw jgħidu n-naħa l-oħra, li ttieħed minn Ministeru biex mar għand l-ieħor. Għandhom żball. Lanqas jafu fuqiex qegħdin jitkellmu! Creative Malta mxiet minn Ministeru għall-ieħor wara ftehim li kien hemm biex jiġu kkonsolidati l-fondi għall-artisti lokali. Anke din riedu jattakkaw! Sewwa ngħid, li tagħmel kif tagħmel, dawn jipprovaw jattakkawk dejjem. Nafu li se nkomplu ninvestu f'din l-industrija. Wara 40 sena ta' nuqqas ta' investiment u wara żmien fejn l-unika viżjoni li kellhom għall-industrija tal-films kienet li jagħmlu t-tankijiet f'fish farms, issa qed naraw li se nkomplu ninvestu fil-Malta Film Studios u nkomplu nġibu iżjed riżultati.

Sur President, nixtieq inkompli nespandi aktar fuq din l-industrija, fosthom fuq kumpaniji li qed jiftħu f'pajjiżna. Għadna kif smajna bil-kumpanija Chamelot Media, li bbażat ruħha f'pajjiżna, wara l-produzzjoni 'Prizefighter'. Però jkolli nagħlaq hawnhekk fuq din l-industrija

b'ħaġa waħda: Għall-industrija tal-films, l-2023 se terġa' tkun sena rekord, hekk kif għandna 37 produzzjoni f'pajjiżna b'1,400 ruħ jaħdmu fil-films. Is-suq Amerikan u dak Ingliż jibqgħu s-swieq primarji ta' pajjiżna. Hawnhekk nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Films Johann Grech, flimkien maċ-Chairperson Dr Beverly Cutajar, il-bord tad-diretturi u l-ħaddiema kollha, kemm tal-Malta Film Commission u anke l-ħaddiema li jaħdmu f'dan is-settur.

Sur President, niġi issa biex nitkellem dwar id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni. Grazzi minn qalbi tmur lill-ħaddiema għax-xogħol kollu li jagħmlu f'din id-Diviżjoni. Dawn huma ħaddiema li jagħtu iktar milli mistenni minnhom. Dawn huma l-ħaddiema li verament jagħmlu d-differenza biex jassiguraw li jkollna livell ta' ndafa tajba f'Malta u Għawdex. Minn Jannar 2023 sa Settembru 2023 inġabru madwar 17,000 tunnellata ta' skart, li jindika li se jkun rekord tal-ġbir ta' skart. Issa jekk huwiex rekord tajjeb jew rekord ħażin, wieħed irid jara. Jien ma nistenniex li jkollna ċerta irresponsabbiltà meta qed nitkellmu fuq dan is-settur. L-indafa pubblika hija responsabbiltà ta' kulħadd u għalhekk nappella biex kulħadd jimxi mar-regolamenti. Dak li rajna matul is-sajf li għadda fejn jidħol l-iskart ma rridux nerġgħu narawh. Irrid nara li kulħadd jagħmel iżjed u jkompli jsegwi l-iskeda nazzjonali tal-ġbir ta' skart.

Id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni se tkompli tinvesti wkoll fir-riżorsi tagħha. Se jkun hemm ix-xiri ta' erba' fully electric city sweepers u tmien fully electric compact sweepers li se jkunu qed jintużaw fit-toroq Maltin. Se jinxtraw ukoll 23 electric pedestrian sweepers, 15-il fully electric scrubber robots u ħames fully electric sweeper robots. Dawn ir-robots se jkunu l-ewwel tax-xorta tagħhom f'pajjiżna. Qed immorru għall-elettrifikazzjoni tal-flotta tal-makkinarju ta' din id-Diviżjoni u fl-istess waqt qed nintroduċu dejjem iżjed modi teknoloġiċi ġodda. Ma' dawn kien hemm tliet electric vacuum leaf collectors li jgħinu lill-ħaddiema fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Ringrazzjament speċjali jmur lid-Direttur Ġenerali Ramon Deguara flimkien mad-diretturi u l-ħaddiema kollha tiegħu, għaliex dawn huma ħaddiema li, tkellimhom meta tkellimhom, dejjem issibhom lesti biex jagħtu s-servizz tagħhom.

Sur President, id-deputati tal-Oppożizzjoni qalulna ħafna affarijiet dalgħodu, fosthom li dan il-Baġit ma jindirizzax l-isfidi li għaddej minnhom dan is-settur, b'mod partikolari s-settur tal-lukandi u r-ristoranti. Qalulna li ma offrejna xejn lil dan is-settur. Qalu li ma sabu xejn fuq din l-industrija fil-Baġit. Jekk hemm ħaġa waħda biss, din hija l-istabbilità fil-prezzijiet tal-enerġija, li diġà hija biżżejjed għal dan is-settur li huwa tant dipendenti fuq l-enerġija. Ara fi żmien gvernijiet Nazzjonalista ma qagħdux jagħtu kas għax qed jogħla l-prezz tad-dawl, għax ivvotaw bil-qalb biex jgħollu l-prezzijiet tad-dawl! Illum il-ġurnata l-prezz tad-dawl huwa stabbli u għalhekk l-investitur jista' jippjana u jimxi 'l quddiem sabiex ikompli jikber u joħloq il-ġid. Dak iż-żmien b'inqas xogħol kien ikollu kontijiet daqs jew ogħla mil-lum. Nerġa' ngħid, b'inqas xogħol! Dan ifisser li l-profittabilità li tant jitkellmu fuqha llum u tant taħraqhom qalbhom għaliha llum, dak iż-żmien ma kenitx importanti. Dak iż-żmien lill-Ministru għat-Turiżmu ma kenux jgħidulu biex jara x'se jagħmel biex iraħħas il-kontijiet tad-dawl li għolla Ministru ieħor.

Illum kburi li jien Ministru għat-Turiżmu fi gvern li jifhem dawn l-isfidi u li qed jieħu l-azzjonijiet neċessarji. Sa din il-ġimgħa stess, ftit passi 'l bogħod minn pajjiżna, fl-Italja, kellna strike ġenerali minħabba l-baġit. Titkellem ma' kontrapartijiet tiegħek barra minn Malta, pereżempju, fl-Ingilterra, u jgħidulek li s-sitwazzjoni tal-pubs u l-lukandi llum hija agħar milli kienu fi żmien il-COVID-19. Dawn qegħdin jgħidu b'mod dirett kemm kienu aħjar meta kienu agħar!

Dak iż-żmien kellhom l-assistenza u llum m'għandhomx, anke jekk m'għandhomx xogħol. Illum il-ġurnata f'pajjiżna m'għadx hawn l-assistenza, għax l-assistenza tajnieha meta kien hemm bżonn. Illum din l-industrija f'pajjiżna għandha x-xogħol u għaddejja mill-aqwa żmenijiet tagħha. Din l-industrija llum tista' tippjana, tista' tkompli tkabbar, tista' tinvesti u tista' ġġib il-kwalità, u tista' tagħmel dan kollu għaliex taf li għandha Gvern li qed jagħti l-istabilità fil-prezz tal-enerġija.

Sur President, biex jiġu hawnhekk jgħidulna li qed inberbqu l-flus, l-ewwel jieħdu! Mela ejja nistaqsuhom: Li kieku kienu fil-gvern huma x'kienu jagħmlu differenti minna? Kienu jwaqqfu l-marketing? Fejn se jwaqqfu? Fil-passat waqqfu l-marketing u bdew jagħlqu l-uffiċini li kellha l-MTA barra minn Malta. Dak ġab riżultati

tajbin?! It-turiżmu taħt il-Partit Nazzjonalista fil-gvern kien qed jara nefqa turistika f'pajjiżna daqs din is-sena? Kienu qed jieħdu d-deċiżjonijiet li kien hemm bżonn biex verament immorru għall-kwalità? Kif se jattiraw it-turisti matul is-sena kollha? Qalulna li jridu jmorru lura għall-golden days tal-2012. Dawk kienu golden days għall-industrija?! Dak kien żmien meta l-industrija taħdem disa' xhur f'sena, jekk tkun fortunata, u mbagħad fix-xitwa x'jagħmlu? Jagħlqu u jibagħtu lill-ħaddiema d-dar? Jew inkella jkollhom madwar 12,000 qiegħda? Dik hi d-differenza!

Illum smajna lill-Onor. Mario de Marco jitkellem fuq l-iskills pass, fejn qal li ma jaqblux magħhom. Għalhekk ngħidilhom biex jagħtuna proposta alternattiva. Ara mbagħad, meta tistaqsihom, ma jitkellmux. Imma fl-istess waqt l-Onor. de Marco qalilna li din mhijiex is-soluzzjoni għall-ħaddiema barranin. Aħna qatt ma għedna li dik hija soluzzjoni għall-ħaddiema barranin. Jidher li ma fiehmu xejn minn dak li qed nipprovaw nagħmlu. Aħna rridu nistabbilixxu benchmark ta' kwalità fis-servizz. Dik hi d-differenza! Dan is-settur għandu bżonn il-ħaddiema barranin, imma rridu ħaddiema ta' kwalità u l-ħaddiema li għandna bżonn.

Dik hi d-differenza bejn min jaf fejn irid iwassal lil dan is-settur bil-viżjoni strateġika għall-għaxar snin li ġejjin u min qiegħed komdu fil-bankijiet tal-Oppożizzjoni jirrepeti r-rettorika li jisma' mingħajr ma jkun iċċekkja verament fejn irridu naslu bħala pajjiż. Ħaġa waħda biss nafu fiċ-ċert fuq l-Oppożizzjoni, dik li jekk ikollhom jerġgħu jkunu fil-gvern jgħollu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma! Mhux talli hekk, imma jridu jipprivatizzaw id-distribuzzjoni tan-network, li tfisser kontijiet ogħla għat-tieni darba u jerġgħu jitfgħu lil kulħadd f'baħar ta' inkwiet. Dik hija l-irresponsabbiltà ta' min għandna bilqiegħda faċċata tagħna fil-bankijiet tal-Oppożizzjoni!

Sur President, l-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi kompliet għaddejja bix-xogħol tagħha. Saru tiswijiet u żebgħa fuq madwar 370 bank tal-injam u tal-ħadid, madwar 6,700 metru ta' żebgħa fuq railings u twaħħlu 'l fuq minn 40 dawl ġdid. Dan huwa xogħol li qed isir madwar il-pajjiż kollu, bħal fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan, Raħal Ġdid, Marsaskala, ix-Xgħajra, Pembroke u Birżebbuġa. Prattikament tista' ssemmi l-pajjiż kollu, bil-ħidma tkun konġunta mal-kunsilli lokali. Dan huwa l-mod ta' kif qed naħdmu. Mhux qed nipprovaw ngħattu xtur ħaddieħor bħalma kien hawn min qalilna fejn jidħlu l-kunsilli lokali. Aħna nikkollaboraw mal-kunsilli lokali u nikkonsolidaw ir-riżorsi li għandna magħhom. B'hekk jirnexxilna nġibu iżjed riżultati pożittivi.

Qed naħdmu wkoll fuq il-Paceville Town Centre Management, fejn irridu naraw li naslu li Paceville jikseb il-purple flag, biex b'hekk ikollna standard li jkun ta' kwalità. Għal darb'oħra, dawn huma deċiżjonijiet li se jwasslu biex pajjiżna jagħmel il-qabża li jmiss. Għaddej ukoll it-tisbiħ fi Triq Paceville u Ġnien Spinola, fejn qed nistennew li fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin ikompli għaddej ix-xogħol. Kelma ta' ringrazzjament hawnhekk tmur lis-CEO Dennis Vella, li qiegħed hawnhekk preżenti magħna. Nirringrazzja wkoll liċ-Chairman André Zammit, il-bord u l-ħaddiema kollha kemm huma.

Insemmi Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, dik il-ġawhra fil-Belt Valletta, li kompliet tikseb is-suċċess neċessarju u se tkun qiegħda tkompli għaddejja bl-investiment fiż-żmien li ġej. Dan l-investiment infrastrutturali qed isir b'allokazzjoni tal-Gvern, b'fondi tal-Unjoni Ewropea u anke minn riżorsi tagħha stess. Ringrazzjament imur lill-ħaddiema kollha, flimkien maċ-Chairman, id-dentist Kenneth Spiteri u s-CEO Pierre Fenech.

Sur President, x'inhuma l-prospetti għall-ġejjieni? L-istorja turistika ta' pajjiżna se tkompli miexja t-triq tas-suċċess. Amadeus Destination Insight qed tindika li abbażi ta' informazzjoni online miġbura, marbuta ma' titjiriet fuq websites tal-aġenti tal-ivjaġġar, is-sena d-dieħla pajjiżna se jkollu l-ikbar tkabbir meta kkumparat ma' din is-sena. Fil-fatt, pajjiżna mistenni jara żidiet ta' 43% f'Jannar meta mqabbel mal-istess xahar ta' din is-sena, żieda ta' 44% fi Frar meta mqabbel ma' din is-sena, u saħansitra 67% żieda f'Marzu meta mqabbel ma' Marzu 2023. Dan kollu juri li l-istorja tat-turiżmu f'pajjiżna waslet għall-kapitlu li jmiss. Fl-2019 kellna rekord u fl-2023 se nissuperawh, mhux biss bħala numri iżda anke bħala nefqa.

Sur President, ma għandna l-ebda intenzjoni li nieqfu hawn. Irridu nkomplu nkunu viċin l-industrija u viċin in-nies sabiex nisimgħu x'qed jgħidulna. It-turiżmu f'pajjiżna evolva u għalhekk se nkomplu ninvestu fir-reklamar, se nibqgħu ninvestu biex niftħu aktar uffiċini tal-

MTA, se nibqgħu ninvestu fi proġetti fil-lokalitajiet tagħna u se nsaħħu l-investiment fl-industrija u fil-ħiliet.

Qabel nagħlaq, irrid nirringrazzja mill-ġdid lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fl-entitajiet tal-Ministeru tat-Turiżmu u anke lil dawk li jaħdmu f'dan is-settur. Dan huwa settur li jimpjega eluf ta' persuni u allura eluf ta' familji jiddependu fuqu. Fuq kollox, irridu naraw li jkollna turiżmu li jkompli jkun il-mutur ekonomiku ewlieni ta' pajjiżna u jkompli jikseb suċċess għal kulħadd.

Sur President, fl-aħħar nett inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> *Economic Impact Study on the Impact of the Film and Production Industry on Malta's Economy (Abridged Version)* maħruġ mill-Kummissjoni Maltija tal-Films f'Settembru 2023.

Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għat-Turiżmu hija konkluża, u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*F'12.26 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għat-Turiżmu rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għat-Turiżmu kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

## PERMESS TAL-KAMRA

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Hawn permess biex l-Onor. Carmelo Abela jirrapporta lill-Kamra dwar ħidma tal-Kumitat illi huwa jippresiedi? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

## KUMITATI PERMANENTI

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** L-Onor. Carmelo Abela:

**ONOR. CARMELO ABELA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt):** Sur President, nirrapporta li l-Abbozz Nru 70, l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emenda.

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 il-Kamra għaddiet għall-mozzjonijiet li kienu jidhru fuq l-aġenda.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Mozzjonijiet? Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

## MOZZJONIJIET

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Prim Ministru, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Min jissekonda?

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Nissekonda.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-Mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Prim Ministru, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Min jissekonda?

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Nissekonda.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Sar il-ħin. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, jekk jogħġbu, jipproponi l-Aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Id-Disa' Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal**

Vot 16 - Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal
Vot 17 - Politika Soċjali
Vot 19 - Pensjonijiet
Vot VII - Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal – Kapital

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari jistgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għat-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

*Fin-12.30 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*